MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Rikors Numru. 16/2010

**Alain Schmitt, ta' nazzjonalita' Franciza, imwieled nhar il-5 ta' Lulju, 1960, 49 sena, iben Andre**

**vs**

1. **Onorevoli Prim Ministru bhala l-Kap tal-Gvern**
2. **Onorevoli Deputat Prim Ministru u Ministru ghall-Affarijiet Barranin**
3. **Avukat Generali tar-Repubblika**
4. **Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja u Affarijiet Interni**
5. **Il-Kummissarju tal-Pulizija**
6. **Id-Direttur tal-Habs jew ir-Rapprezentant tieghu**
7. **Id-Diretur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja**
8. **Id-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali**
9. **Id-Direttur : Skwadra Servizzi Sigrieti**
10. **Direttur Qrati Civili U Tribunali**
11. **Superintendent : Mount Carmel Hospital**
12. **Dr. Joseph Spiteri, Psikjatra**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent fit-18 ta' Frar, 2010, li jaqra hekk:

## I. Premessi

Illi l-Esponenti huwa cittadin Franciz, kif ukoll tal-Unjoni Ewropea, ma jifhem xejn bl-ilsien Malti, la jiktbu u lanqas jaqrah, jifhem xi ftit bl-Ingliz, imma lilu gie mfisser il-kontenut ta' dan id-Dokument li huwa Rikors Kostituzzjonali a bazi tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u Libertajiet tal-Individwu (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll tal-*EU Charter of Individual Fundamental Rights*, liema *Charter* gie fis-sehh effettivament mill-1 ta' Dicembru, tas-sena 2009, u huwa enforzabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Premess illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti, fil-Kumpilazzjoni numru 16/2010, ippresjedut mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna, LL.D., fil-kaz "Il-Pulizija (Spettur Dr. Mario Cuschieri, LL.D.) –vs- Alain Schmitt", nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, wara l-hrug ta' Certifikat mill-Avukat Generali datat is-7 ta' Jannar, 2010, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Avviz Legali Nru. 320/2004, wara l-hrug ta' Allert taht is-Schengen Information System ghall-finijiet ta' Estradizzjoni li jgib in-numru F01331477053190001, skond kif jirrizulta mid-Dokument hawn anness u ndikat bhala AS1.

Premess illi kif juri l-Allert taht is-*Schengen Information System* mahrug fuq talba tal-Prosekutur Pubbliku ta' Thionville fi Franza, wara l-hrug ta' Mandat t'Arrest mit-Tribunal de Grande Instance f'Thionville fi Franza datat l-14 ta' Novembru, 2005, ir-Rikorrenti huwa mfittex mill-Awtoritajiet Kompetenti Gudizzjarji ta' Franza, pajjiz skedat ai fini tal-Artikolu 5 tal-Avviz Legali 320/2004, ghar-reati tas-sekwestru ta' persuna, estorsjoni u atti vjolenti mwettqa f'assoccjazzjoni ma' ohrajn. Premess li dawn l-

allegazzjonijiet huma kollha michuda mir-Rikorrenti Alain Schmitt.

Premess illi gie esebit Certifikat tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 7 tal-Avviz Legali 320/2004 flimkien mal-Allert taht is-*Schengen Information System* fil-konfront ta' Alain Schmitt.

Premess illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti) giet mitluba biex tipprocedi fil-konfront tal-imsemmi Alain Schmitt ai termini tal-Artikoli u Dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-Estradizzjoni u l-Avviz Legali Nru. 320/2004.

Premess illi biex dan sar u sehh u l-Estradant Rikorrenti ngab quddiem l-Onorabbli Qorti Kompetenti, nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, sar assalt vjolenti mill-Forzi tas-Sigurta' tar-Repubblika ta' Malta fejn b'mod xejn dinjituz, inuman, degradanti u vjolenti, gew miksura d-drittijiet bazici tar-Rikorrenti kif ukoll tas-siehba tieghu Laurence Liegeois, kif ukoll ta' zewgt itfal minuri u numru ta' persuni ohra li fis-sitta ta' filghodu ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, kienu reqdin fir-residenza taghhom gewwa Villa Flaminia, Triq il-Birguma, Birguma, limiti tan-Naxxar, proprjeta' mikrija lilhom mis-sid tal-post certu Grech, u hemmhekk f'dan l-assalt mill-Forzi tas-Sigurta' tar-Repubblika ta' Malta giet ivvjolata d-dinjita' u l-privazija tal-istess Rikorrenti u persuni ohra, skond kif jigi elaborat fil-mori ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.

Premess illi f'dan l-assalt vjolenti, xejn dinjituz, degradanti u inuman gew miksura l-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u Libertajiet tal-Individwu u cioe' Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-*EU Charter of Individual Fundamental Rights* li issa huwa enforzabbli u fis-sehh fost il-Membri Shah kollha tal-Unjoni Ewropea b'effetti mill-1 ta' Dicembru, tas-sena 2009, u ghaldaqstant ir-Rikorrenti qieghed jitlob ir-rimedji opportuni, u d-danni likwidati ghal dak li sofra, qed isofri u ghad jista' jsofri b'rizultat ta' dawn l-indinjazzjonijiet u l-

inumanitajiet mill-Intimati hawn indikati jew minn min minnhom.

Premess illi Alain Schmitt ibaghti minn diabete akuta, indikata fil-medicina bhala *Type 1*, u b'rizultat ta' din il-kundizzjoni fizika tar-Rikorrenti, huwa ghama matul is-snin u ghandu prezenzjalment disgha u disghin fil-mija ma jarax fejn f'ghajnejh ix-xellugija huwa ghama ghal kollox, u f'ghajnejh il-leminija baqghalu wiehed fil-mija possibilita' li jara xi ftit, kollox imcajpar, u dan bl-ghajnuna ta' nuccali specjali, lenti u *torch* zghira li permezz taghha jkun jista' jara xi ftit u anka jaqra xi ftit : barra minn dan ghandu ferita' f'saqajh li minhabba l-inkompetenza ta' nies illi spezzjonawh, tennew bi zball li din kienet xi kallu flok ferita' rizultanti mill-gerha li ghandu kagunata mid-diabete, u ghalhekk ir-Rikorrenti huwa persuna li huwa marida hafna u kwindi huwa rilevanti li f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali jingabu provi ta' kif ir-Rikorrenti gie trattat mill-Awtoritajiet Kompetenti Maltin jew ir-rapprezentanti taghhom.

Premess illi f'kundizzjoni fizika konsegwenzjali wara l-assalt vjolenti mill-iskwadra ta' madwar ghaxra min-nies fir-residenza tal-Birguma, limiti tan-Naxxar, nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, b'kundizzjoni ta' xokk u vizibilment fizikament u psikologikament dizorjentat, ir-Rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif indikat ippresjedut mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, b'kundizzjoni li ovvjament ma seta' qatt ikun jaf ezatt x'inhu ghaddej u dana naturalment bi ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu a bazi tal-istrumenti legali li fir-rigward taghhom sejrin isiru t-talbiet li aktar tard isegwu f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.

Premess illi quddiem il-Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit LL.D., fil-Qorti indikat bhala Qorti Istruttorja u fl-ismijiet kif hawn fuq indikati, fil-Kumpilazzjoni Nru. 16/10, nhar is-7 Ta' Jannar, 2010, ir-Rikorrenti tressaq tard wara nofsinhar fl-istat kif hawn fuq imfisser u hemmhekk inghata biss l-opportunita' ta' minuta u nofs jitkellem mal-Konsulent Legali tieghu li lanqas kellu idea min hu (bhal

ma l-istess Konsulent Legali ma kellu ebda idea ta’ min kien il-klient tieghu), u fejn saru l-proceduri skond kif deskritti fl-anness Dokument AS1 fejn pero’ kif jirrizulta manifestament mill-Atti Processwali kien hemm indikazzjoni ta’ persuna ohra li ma kellha x’taqsam xejn fil-proceduri individwali kontra r-Rikorrenti Alain Schmitt, li bl-ghagla ta’ kif saru l-affarijiet giet indikata persuna ohra flok ir-Rikorrenti, pero’ li min-naha legali, l-istess Rikorrenti ma nghatax id-Dokumenti li kien obbligat li jinghata skond l-istess Ligi u ghalhekk suppost gie mehlus quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghal dan in-nuqqas, kif qieghed jintalab issa quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz li sejjer jinstema’ f’jum il-Gimgha, 19 ta’ Frar, 2010, u cioe’ ‘l ghada li jkun gie ntavolat dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.

Premess illi fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-Esponenti, qieghed jissottometti li dik l-udjenza ma kien imissha qatt li sehhet apparti li ma gewx segwiti l-formalitajiet rikjesti mil-Ligi li torbot lir-Repubblika ta’ Malta, apparti ukoll li l-Esponenti ngab quddiem il-Qorti Kompetenti fi stat ferm hazin ta’ sahha u minghajr ma kien akkumpanjat la minn tabib jew minn xi nurse li seta’ jakkurah, imma sempliciment ingab Dokument minghajr ma kien hemm it-tabib li allegatament iffirmah u li certament ma ttiehed ebda gurament quddiem il-Qorti Kompetenti tal-verosimiljanza u l-awtenticita’ ta’ dak li kien hemm fid-dokument li ngab quddiem il-Qorti Kompetenti.

Illi l-esponenti ma jaccettax li l-Ewwel Qorti kienet fissritlu l-kontenut tar-reati addebitati lilu taht il-Mandat ta’ Arrest Ewropew imsemmi fejn avolja tnizzel li r-Rikorrenti stqarr li ma jaqbilx mal-kontenut tar-reati addebitati lilu taht il-Mandat ta’ Arrest Ewropew imsemmi, xorta wahda huwa ma kienx f’kundizzjoni fizika li jkun jaf x’inhuwa ghaddej u kien f’dak l-istadju li l-Avukat Difensur tieghu Dr. Emmy Bezzina talab il-helsien mill-arrest tal-klient tieghu, talba li saret ripetutivament sussegwenzjalment u baqghet tigi michuda sahansitra quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u mill-Qorti Kriminali f’udjenza specjali nhar it-Tnejn, 15 ta’ Frar, 2010.

Premess illi nhar it-Tnejn, 15 ta’ Frar, 2010, meta f’Sentenza appozita, il-Qorti tal-Appell Kriminali, pronunzjat li hija kienet sodisfatta li r-Rikorrenti kellu l-facilitajiet u li kien qed jinghata kura adekwata mill-Awtoritajiet Kompetenti medikali lokali, ir-Rikorrenti ma qabilx ma’ din l-evalwazzjoni tal-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u proprju huwa wiehed mill-objettivi ta’ dan ir-Rikors Kostituzzjonali kontra l-Intimati jew minn min minnhom minhabba li r-Rikorrenti jinhtieg kura erbgha u ghoxrin siegha f’erbgha u ghoxrin siegha minhabba d-diabete akuta li ghandu, u l-fatt li huwa disgha u disghin fil-mija ghami u hamsa u disghin fil-mija fizikament inkapacitat, li tfisser illi ma jista’ jkollu qatt kura adekwata minn Istituzzjoni Pubblika li huwa mpossibbli (anka kieku ghall-grazzja tal-argument kien hemm tabilhaqq rieda tajba) biex ir-Rikorrenti jinghata din l-attenzjoni erbgha u ghoxrin siegha f’erbgha u ghoxrin siegha.

Premess illi ghaldaqstant huwa inkontestat ic-Certifikat Mediku mahrug mill-Health Centre tal-Furjana mmarkat bhala Dokument MC6 fid-Dokument AS1 illi jigi accettat mir-Rikorrenti minhabba l-fatt li kif ghadu kif gie mfisser fil-premessi precedenti, dan ic-Certifikat bla ebda mod ma gie mahluf quddiem il-Qorti Kompetenti jew li a saputa tan-nies kollha li kienu prezenti kemm min-naha tal-Prosekuzzjoni kif ukoll min-naha tad-Difiza u hbieb tar-Rikorrenti barra l-Awla li ma gie ebda tabib jew nurse mar-Rikorrenti biex jara li r-Rikorrenti jkun fi stat fizikament u mentalment adekwat biex jghaddi mill-procedura quddiem l-Ewwel Qorti.

Premess illi b’mod ingust u xejn uman diversi talbiet ghall-helsien mill-arrest rigwardanti r-Rikorrenti gew michuda mhux biss mill-Ewwel Qorti diversament ippresjeduta kemm mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna, imma anka l-Qorti tal-Appell Kriminali hasset li idejha kienet marbuta legalment biex tkun tista’ tehles mill-arrest lir-Rikorrenti u dan kif jirrizulta mis-Sentenza moghtija nhar it-Tnejn, wara nofsinhar, 15 ta’ Frar, 2010, u ghaldaqstant, ir-Rikorrenti jhoss li anka hawn id-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu gew vjolentament miksura, kemm fir-rigward tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kemm fir-rigward tal-

Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll fir-rigward tal-*EU Charter of Fundamental Rights*.

Premess illi nonostante li l-Ewwel Qorti nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, issollecitat lid-Direttur tal-Habs sabiex iforni lill-istess Alain Schmitt, is-servizzi, occorrendo tat-tabib jew nurse sabiex il-kundizzjoni tieghu tigi kkontrollata, kien hemm nuqqasijiet ripetutivi da parti tal-Awtoritajiet Kompetenti tant illi diversi drabi l-istess Rikorrenti ma nghatax l-insulina, li kull min ibaghti minn livell ta' diabete li jbaghti biha r-Rikorrenti, ma tistax ma tinghatalux, ma nghatalux dieta adekwata meta tqis li huwa vegitarjan (li certament ma tfissirx li tiekol hass u tadam biss!?!), u facilitajiet ta' igene, ezercizzju ghal sahhtu minhabba li r-Rikorrenti huwa Martial Arts Expert, u dan l-ezercizzju kien iservi biex jahraqlu z-zokkor, tali facilita' ukoll gie deprivat minnha l-istess Rikorrenti, apparti li qed jithalla jorqod fuq saqqu, f'ambjent mimli tipjip, id-dinjita' privata tieghu biex jisserva fl-elementi naturali hija totalment imnehhija, u naturalment dana kollu jisserva fl-elementi naturali hija totlament imnehhija, u naturalment dana kollu qieghed jikkontribwixxi biex sahhet ir-Rikorrenti tmur dejjem aktar lura, inkluz il-possibilita' li jitlef dak il-wiehed fil-mija li baqghalu bhala dawl fl-organu ta' ghajnejh : dawn kollha jammontaw ghall-vjolazzjonijiet ghal drittijiet u libertajiet tal-istess Rikorrenti li ghalihom qieghed izomm responsabbli l-Intimati kollha jew minn min minnhom.

Premess illi l-Ewwel Qorti rriteniet illi l-proceduri tal-Estradizzjoni li qeghdin isiru anka apparti tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 320/2004, ma jippermettux lill-Qrati taghna li jidhlu fil-kundanna jew nuqqas taghha tal-Qorti barrani, f'dan il-kaz ta' Franza fil-konfront tar-Rikorrenti, imma l-Qrati taghna huma kompetenti jekk jaraw fl-ewwel lok jekk dak li kien misjub hati taghhom, humiex reati estradibbli skond il-Ligijiet ta' Malta, u dan fil-parametri kollha taghhom, kif ukoll jekk jintbaghat lura f'dan il-kaz lejn Franza, l-istess Rikorrenti jkunx f'periklu ta' telf ta' hajja jew trattament inuman jew degradanti, u anka ta' tortura mill-Istat barrani, u hawnhekk ukoll bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti naqset illi

tipprovdi ghal dan kollu billi effettivament minkejja li r-Rikorrenti kien instab hati fl-assenza tieghu, l-Ewwel Qorti rriteniet li huwa ghandu jintbaghat lura Franza biex hemmhekk il-kaz tieghu jerga jinstema' mill-gdid meta r-Rikorrenti diversi drabi tenna li l-kundizzjonijiet fil-Habs ta' Franza huma terribli illi Franza ghandha ossessjoni fil-konfront ta' gruppi li tqis bhala setet (cirkostanza li tinkwadra ruhha f'dan il-kaz odjern), u li jekk jintbaghat lura Franza, ir-rikorrenti zgur li sejjer imut fil-kundizzjonijiet fizici u mentali tieghu. Izda l-Ewwel Qorti f'Sentenza li tat nhar it-Tnejn l-1 ta' Frar, 2010, irriteniet illi r-Rikorrenti ghandu jintbaghat lura Franza, u kien ghalhekk li r-Rikorrenti ha l-invit li ghamlitlu l-istess l-Ewwel Qorti fl-ahhar paragrafu tas-Sentenza taghha biex appella minn dik is-Sentenza (Appell li quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sejjer jinstema' nhar il-Gimgha, 19 ta' Frar, 2010) u anka jekk ihoss li d-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu gew ivvjolati a bazi tal-Ligi li tirregola l-Estradizzjoni, l-istess Rikorrenti kellu l-facilitajiet li jaghmel kawza Kostituzzjonali, u ghal dan l-objettiv, l-istess Rikorrenti qieghed proprju jaghmel dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.

Illi jirrizulta ukoll manifestament illi apparti li r-Rikorrenti qed jishaq li huwa m'huwiex hati ta' dak li fl-assenza tieghu gie misjub hati ghalih mill-Qorti ta' Franza, l-objettiv ewlieni wara l-arrest tieghu kienet l-ossessjoni ta' Franza li gruppi li jammontaw ghal setet (li r-Rikorrenti dejjem cahad li l-grupp tieghu fi kwalsiasi kaz jammonta ghal xi setta) u l-kundizzjonijiet fil-habsijiet gewwa Franza tant huma terribli li decizament kieku kellu jintbaghat lura r-Rikorrent, dana zgur ikun sejjer jintbaghat ghall-mewt tieghu, u ghalhekk l-istess Rikorrenti talab li jkun jista' jiddeponi quddiem l-Ewwel Qorti, talba li giet michuda mill-Ewwel Qorti u li quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali wara li sar Rikors opportun, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti kienet tammonta ghal Digriet u li minnu kellu jsir Appell appozitu u mhux l-Appell generali kif hemm fir-Rikors tal-Appell tal-istess Rikorrenti li sar nhar il-Gimgha, 5 ta' Frar, 2010.

Premess illi dan kollu jsostni r-Rikorrenti jammonta ghal mhux biss trattament inuman u degradanti fir-rigward tieghu, imma anka vjolazzjoni tad-dritt tieghu li jkollu smigh xieraq u opportun, u huwa inevitabbli u jirrizulta car illi hawnhekk it-talba ta’ Franza biex jigu estraditi Alain Schmitt u s-siehba tieghu Laurence Liegeois, l-Istat Malti jrid kemm jista’ jkun li jakkomoda minhabba r-relazzjonijiet ta’ bejn l-Istati, filwaqt li r-Rikorrenti jhoss lid-drittijiet tieghu bhala individwu, Cittadin Franciz, u anka Cittadin tal-Unjoni Ewropea, dawn qeghdin jigu mwarrba fin-nofs biex l-Istati jkunu jistghu jigu akkomodati, u ghalhekk qed jitlob lil din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha li taghtih rimedju ghal dan in-nuqqas u anka tikkumpensah ghad-danni kollha li qed isofri, sofra u ghad jista’ jsofri.

Premess illi ma hemm ebda dubju li anka l-istess Dokument hawn indikat AS1 jindika li r-Rikorrenti gie misjub hati fl-assenza tieghu, assenza li r-Rikorrenti jiddeskrivi li huwa qatt ma harab mill-gustizzja fi Franza, fejn ghandu lill-ghaziza ommu ghadha hajja hemmhekk u tifel jismu Jeremy li m’huwiex qieghed jara mhux biss litteralment ghax huwa ghama, imma anka fil-konfort illi tghid tkellimt u kkomunikajt mal-istess ibnek, imma kellu jitlaq minn Franza ghal ragunijiet tal-ossessjoni ta’ Franza dwar gruppi li tqis li huma setet, il-kundizzjonijiet terribli fil-Habs Francizi, u l-kundizzjonijiet imposti fuq l-istess Rikorrenti li huwa ma setax ikellem lill-membri tal-familja tieghu fosthom lis-siehba tieghu li minnha huwa ghandu tifel jismu Quintaine ta’ tmien snin, u membri ohra tal-grupp tieghu li r-Rikorrenti jqis bhala l-familja tieghu : dawn il-fatti kollha jammontaw ghal ksur tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-*EU Charter of Fundamental Rights*, u ghalhekk qed issir din il-Kawza Kostituzzjonali odjerna.

Premess illi hemm ukoll konflitt bejn il-kliem bil-Franciz li ghalihom ir-Rikorrenti gie misjub hati fl-assenza tieghu u l-verzjoni tal-istess akkuzi bl-ilsien Ingliz, li jidhru li dawn huma konflingenti meta mxebbhin, u fejn apparti minn dan jirrizulta car illi l-akkuzi li ghalihom instab hati r-Rikorrenti fl-assenza tieghu saru fir-rigward ta’ komunita’ li hija meqjusa bhala setta mill-Awtoritajiet Francizi, u li r-

Rikorrenti qed jigi meqjus bhala l-mexxej taghha, sottomissjonijiet li r-Rikorrenti assolutament jichad, u li r-reati li suppost saru gew kommessi mill-istess Rikorrenti meta huwa kien aktar minn elf kilometru ‘l boghod mil-lok fejn allegatament sehhew dawn l-akkuzi : dan kollu juri kemm kien preffabrikat il-kaz fi Franza kontra r-Rikorrenti, u ghalhekk kien l-obbligu tal-Qrati tal-Gustizzja Maltin li jidhlu f’dan ix-xenarju, intruzjoni li certament ma saritx mill-Ewwel Qorti, anka jekk qed issir l-istess sottomissjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali meta dan jinstema’ nhar il-Gimgha, 19 ta’ Frar, 2010, u f’din l-inkwadratura, l-Ewwel Qorti, bhala Qorti Rimandanti, zbaljat meta waslet ghal dawn il-kundizzjonijiet b’mod illi r-Rikorrenti gustament jissottometti li d-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu bhala individwu gew vjolentament miksura, mhux biss fir-rigward tal-Kostituzzjoni ta’ Malta imma anka fir-rigward tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-EU Charter of Fundamental Rights, stante li dan kollu ingab a konjizzjoni tal-Ewwel Qorti, li pero’ dehrilha li fic-cirkostanzi kien hemm ragunijiet legalment fondati li r-Rikorrenti jintbaghat lura Franza anka jekk biex il-kaz tieghu jerga’ jinstema’ mill-gdid, meta l-Ewwel Qorti intqalilha diversi drabi illi dan kien ikun ta’ periklu kbir ghall-istess Rikorrenti jekk dan jintbaghat Franza, u dan ghar-ragunijiet kif hawn fuq indikati.

Illi kif jirrizulta mid-Dokument hawn anness bhala AS1, id-dinjita’ tal-istess Rikorrenti giet ivvjolata anka bil-mod kif huwa gie trattat fit-Taqsima Forensika tal-Mount Carmel Hospital fejn tista’ tghid inzamm kemm ilu li gie arrestat nhar il-Hamis filghodu, 7 ta’ Jannar, 2010, u meta hemm dawn il-provi okulari kollha u vizibbli, ir-Rikorrenti ma jistax jifhem kif huwa ma nghatax il-liberta’ provizorja, anka issa nhar it-Tnejn, 15 ta’ Frar, 2010, mill-Qorti tal-Appell Kriminali li sostniet li idejha huma marbuta bil-Ligi meta r-Rikorrenti jsostni li fejn jidhol id-dritt u liberta’ tal-individwu, l-ewwel li ghandu jiddomina huwa d-dinjita’ umanita’ tac-cirkostanzi partikolari tal-individwu, u ghalhekk ir-Rikorrenti qieghed isostni li fl-istrumenti legali tad-drittijiet fundamentali hawn fuq indikati kollha gew ivvjolati fil-konfront tieghu mill-Intimati kollha jew minn min minnhom.

Premess illi r-Rikorrenti jigbed l-attenzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti Prim’ Awla Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha illi filwaqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali f’udjenza appozita li saret nhar il-Gimgha, 12 ta’ Frar, 2010, kienet pronta li tigbed l-attenzjoni tad-Difiza illi l-Appell ma kienx sar fuq Digrieti li nghataw mill-Ewwel Qorti imma Appell biex tithassar is-Sentenza ta’ nhar it-Tnejn, l-1 ta’ Frar, 2010, u dan minkejja li d-Difiza rrimarkat li d-Digriet kien parti essenzjali mill-istess Sentenza, imma l-Qorti tal-Appell Kriminali ddeterminat li tiddeciedi hi jekk issejjahx lil dawn ix-xhieda mitluba mid-Difiza fil-mument opportun, pero’ fid-deskrizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali sejhet tabiba li lanqas biss kellha l-warrant biex tipprattika ta’ tabiba, u dana ghaliex il-Prosekuzzjoni qabdet u nsistiet li t-tabiba Dr. Amanda Bugeja, li fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha, 12 ta’ Frar, 2010, lanqas biss kellha l-warrant biex tipprattika imma kienet biss House Officer, dana qed jinghad bir-rispett kollu, xorta wahda l-Qorti tal-Appell Kriminali f-Sentenza li nghatat dwar il-helsien provizorju f’jum it-Tnejn, 15 ta’ Frar, 2010, strahet hafna fuq id-depozizzjoni ta’ din Dr. Amanda Bugeja, anka jekk skond ir-Rikorrenti din kienet inezatta ghall-ahhar u mimlija zbalji horox fejn tidhol l-analizi tal-marda tad-diabete, u ghalhekk ir-Rikorrenti qed ihoss li hawn saret diskriminazzjoni mat-talba tieghu biex itella’ xhieda mportanti u jesebixxi dokumenti li ma jistghux jigu kkontestati ghax huma maghmulin minn esperti, u fir-rigward tal-Prosekuzzjoni meta din talbet li tittella’ din Dr. Amanda Bugeja li hija tabiba imma li ma kellhiex il-warrant biex tahdem ta’ tabiba, biex tiddeponi fuq il-kundizzjoni tar-Rikorrenti, meta din la qatt invistatu kif ammettiet hi stess bil-kundizzjoni ta’ ghajnejh, fil-kundizzjoni ta’ saqajh, u bhala House Officer hija biss *on call*, u ghalhekk anka f’dan il-qasam, id-drittjiet u libertajiet fundamentali tar-Rikorrenti gew vjolentament miksura mill-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif tiddetermina din il-wisq Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha.

Premess illi anka kif jirrizulta mid-depozizzjoni tas-Superintendent Abraham Zammit f’a fol. 27 tad-Dokument

AS1, meta dan iddepona quddiem l-Ewwel Qorti, kien hemm nuqqasijiet kbar, li rrizultaw fid-depozizzjonijiet tas-Superintendent nhar it-18 ta’ Jannar, 2010, rigwardanti l-istat fiziku u mentali tar-Rikorrenti Estradenti, u dan jigi biss min-nuqqas tal-Awtoritajiet Kompetenti u li ghalihom qed jigu mizmumin l-Intimati kollha jew minn min minnhom. Premess illi l-istess Rikorrenti talab li jinhatarlu Konsulent Diabetologista, it-tabib Dr. Antoine G. Schranz, nhar il-21 ta’ Jannar, 2010, talba li lanqas biss giet deciza mill-Ewwel Qorti, u fejn anka jirrizulta car mill-Atti Processwali li wara li nghatat is-Sentenza mill-Ewwel Qorti gew infilzati xi Dokumenti li d-Difiza u r-Rikorrenti lanqas biss kienu jafu bihom, u li rrizultaw fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha, 12 ta’ Frar, 2010, wara nofsinhar quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ppresjeduta mill-Prim’ Imhallef, is-Sinjurija Tieghu President Vincent Degaetano LL.D. : dana ukoll jammonta ghal abbuz proceduralì fejn allura gew miksura d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-istess Rikorrenti Cittadin Franciz u tal-Unjoni Ewropea Alain Schmitt, u li ghalihom qed jinzammu unikament responsabbli l-Intimati kollha jew minn min minnhom.

Premess illi ukoll saru rregolaritajiet procedurali quddiem l-Ewwel Qorti bhala Qorti Istruttorja, fejn din il-Qorti Rimandanti cahdet talba dwar kif gie notifikat ir-Rikorrenti, dwar il-fatt li huwa xtaq li jizzewweg lis-siehba tieghu ta’ aktar minn ghaxar snin, Laurence Liegeois, li minnha ghandu tifel ta’ tmien snin Quintaine, u l-Qorti qalet li ma kellhiex gurisdizzjoni li tidhol f’dan il-mertu, u diversi nuqqasijiet ohra, bhad-depozizzjoni tal-espert forensiku nominat mill-Ewwel Qorti t-Tabib Dr. Mario Scerri, li dan iddepona nhar it-22 ta’ Jannar, 2010, wara li sema’ sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza dwar l-istat ta’ sahha tar-Rikorrenti, u mbaghad qabad u ta l-fehmiet tieghu li ma kinux fil-parametri tan-nomina tal-Ewwel Qorti, wieghed lir-Rikorrenti li kellu jibghatlu kopja tar-Rapport tieghu, li qatt ma sar lanqas bl-e mail, avolja dak mhux mod li jkun hemm xi assikurazzjoni li tabilhaqq wasal ghand min kellu jintbaghat, li kellha titkompla l-Kontro-Ezami tat-tabib forensiku u dan ma sarx, u allura jfisser illi jekk ghall-grazzja tal-argument, ir-Rikorrenti kellu joqghod fuq dak li qalet il-Prosekuzzjoni fil-persuna tal-

Avukatessa Donatella Frendo Dimech, li hi kienet irceviet kopja tar-Rapport ta' Dr. Mario Scerri bl-e mail, allura saret diskriminazzjoni billi l-Konsulent Legali tar-Rikorrenti qatt ma rcieva kopja ta' dan l-e mail, qatt ma rcieva kopja tar-Rapport, u dan huwa nuqqas li jikser id-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-Rikorrenti, u li ghalihom qeghdin jinzammu responsabbli l-Awtoritajiet Kompetenti, fosthom l-Intimati kollha jew minn min minnhom.

Illi l-istess jirrigwarda lill-psikjatra Dr. Joseph Spiteri inkarigat mill-isptar Mount Carmel, li dan iddepona fis-sens illi kkonferma li certu htigijiet ghall-kura tal-istess rikorrenti huwa kien ghadu ma jafx ezatt dwarhom, u dan anka kif jirrizulta fid-depozizzjoni tal-istess Dr. Spiteri quddiem il-Qorti Rimandanti, u kwindi dan imur kontra d-drittijiet u libertajiet fundamentali u individwali tal-istess Rikorrenti li ghalihom qeghdin jigu mizmuma l-Intimati kollha jew minn min minnhom.

Premess illi f'dan ir-rigward ghandhom jigu miflija dak li ddepona t-tabib Dr. Joseph Spiteri, nhar il-25 ta' Jannar, 2010, quddiem l-Ewwel Qorti, li huwa konsulent fl-isptar Monte Carmeli fis-sezzjoni psikjatrika imma li huwa wiehed mill-Intimati ndikati mir-Rikorrenti ghal nuqqasijiet li garrab l-istess Rikorrenti meta l-istess Awtoritajiet Kompetenti kienu fl-obbligu li lir-Rikorrenti jitrattawh bid-dinjita' kollha ta' pazjent u mhux bil-pendenti maghha li huwa prigunier, u allura certu dinjitajiet ta' bniedem marid u ta' pazjent qisu ma kienx intitolat ghalihom, kif ir-Rikorrenti bi hsiebu jelabora fid-dettal quddiem din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha.

Premess illi rregolaritajiet sehhew ukoll fl-esebizzjoni ta' Dokumenti li ma gewx ikkonfermati bil-gurament, li saru f'ilsien mhux accettabbli ghall-Ordni Guridiku quddiem il-Qrati tal-Gustizzja Maltin, u ezempju ta' dan huwa per ezempju d-diversi Dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni li m'humiex awtentikati, jew inkella l-konferma li r-Rikorrenti kien nieqes minn quddiem l-Awtoritajiet Kompetenti Francizi meta nghatat is-Sentenza tieghu, pero' u mbaghad ma gewx esebiti Dokumenti relatati ghal x'hiex kien inhareg ir-Rikorrenti mill-Habs Franciz fejn

hemmhekk kien wasal biex imut, u dawn in-nuqqasijiet kollha jimmilitaw kontra smigh xieraq u drittijiet u libertajiet fundamentali tal-istess Rikorrenti li ghalihom qeghdin jinzammu responsabbli l-Intimati kollha jew minn min minnhom.

Premess illi r-Rikorrenti ccahditlu d-dritt li jiddeponi quddiem l-Ewwel Qorti jew li jtella' xhieda, jew li jesebixxi Dokumentazzjoni biex japprova dak li kienet qeghda tissottometti d-Difiza fl-interessi tar-Rikorrenti, u li r-Risposta tal-Prosekuzzjoni u tal-Ewwel Qorti kienet li d-Difiza kienet qed tesagera meta Franza bhala membru tal-Kunsill tal-Ewropa kien qed jigi allegat li kienet ossessjonata bi gruppi li tahseb li huma setet, jew bil-kundizzjonijiet taghha fil-habsijiet Francizi, jew bil-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja li kienet imponiet fuq ir-Rikorrenti, li bazikament kienet qed tghidlu li hu ma seta' jikkomunika ma' ebda membru tal-familja tieghu inkluz is-siehba tieghu, it-tfal tieghu, u ghaldaqstant dawn kienu kollha nuqqasijiet serji fil-procedura quddiem il-Qrati tal-Gustizzja Maltin li ghalihom ir-Rikorrenti jrid ir-rimedji skond il-Ligi, li jigi kkumpensat ghad-danni li sofra, qed isofri u ghad jista' jsofri, u ghal dan qed jinzammu l-Intimati kollha jew minn min minnhom responsabbli.

Illi r-Rikorrenti ukoll ihoss li galadarba huwa ssottometta Appell mid-Decizjoni tal-Ewwel Qorti ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Frar, 2010, u talab it-tahsir ta' dik is-Sentenza minhabba l-irregolaritajiet li sehhew quddiem l-Ewwel Qorti, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha in konsiderazzjoni dak il-fatt, u allura d-decizjoni per ezempju tas-27 ta' Jannar, 2010, a fol. 86 et sequitur li tat l-Ewwel Qorti, kellha tittiehed in konsiderazzjoni anka mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u dan biex il-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qeghda ssir, anka minhabba l-fatt li r-Rikorrenti kien issottometta li hu kien instab hati fl-assenza tieghu ghax kien jappartjeni ghall-grupp li l-Awtoritajiet Francizi qiesu bhala setta (meta ma kienx il-kaz), u li hu instab hati fl-assenza tieghu ghar-reati li allegatament ikkommetta minn elf kilometru 'l boghod, meta bla dubju ta' xejn lanqas kien fizikament prezenti, u allura dawn kollha kellhom ikunu ragunijiet legalment u fattwalment fondati

ghala l-Ewwel Qorti ma kellhiex tordna li minkejja dawn ic-cirkostanzi kollha mhux kontestati, xorta wahda r-Rikorrenti bhala Estradanti kellu jintbaghat lura lejn l-Awtoritajiet Francizi, u dan ghalhekk ifisser li r-Rikorrenti sofra vjolazzjonijiet ghad-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu a bazi tal-Kostituzzjoni ta' Malta, Kapitolu IV tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali; il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u c-*Charter of EU Fundamental Rights*.

Premess illi r-Rikorrenti jirreferi ghall-Verbal quddiem l-Ewwel Qorti tal-Magistrati (Malta) a fol. 89 et sequitur indikat mal-Elenku ta' Dokumenti bhala Dokument AS1, fejn fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2010, hemm referenza mid-Difiza ghall-istat li anka sbatax-il jum wara li r-Rikorrenti kien ilu arrestat fil-Facilita' tal-Forensika f'Mount Carmel, xorta wahda kien ghad hemm nuqqasijiet li jinvadu l-privazija u d-dinjita' tal-istess Rikorrenti, u dan bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Konvenzjoni Ewropea, u l-EU Charter of Fundamental Rights, vjolazzjonijiet imputabbli lill-intimati kollha jew minn min minnhom. Tant hu hekk li l-Qorti Rimandanti nhar it-28 ta' Jannar, 2010, ordnat in-notifika tal-Verbal tat-28 ta' Jannar, 2010, lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u lis-Superintendent tal-Isptar Monte Carmeli sabiex jiehdu l-passi mehtiega, fejn allura anka l-istess l-Ewwel Qorti kkonfermat li d-dinjitajiet u l-inumanitajiet li kienu qed jigu nkorsi fil-konfront tar-Rikorrenti kontra dawn il-Ligijiet fundamentali li qed jigu indikati u li taw lok ghal dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern.

Premess illi r-rikorrenti sofra ukoll il ghaliex ma thalliex jikkomunika mal-mahbuba tieghi li tinsab fil-Faciliajiet Korrettivi ta' Kordin – Taqsima Nisa, ma thalliex ikollu *contact visits* mal-membri tal-grupp tieghu, kif nies li jkunu qeghdin fil-Facilitajiet Korrettivi jew fit-Taqsima Forensika ta' Mount Carmel ikollhom, saru hafna restrizzjonijiet fuq l-istess Rikorrenti li a bazi taghhom gew ivvjolati d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-istess Rikorrenti, u dan kollu bi ksur tal-Ligijiet li jirregolaw l-individwu u drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu, anka jekk ikun qieghed f'Facilitajiet li jillimitaw il-liberta' li jista' jkollu imma bhala individwu d-dinjita' tieghu u d-drittijiet tieghu mhux biss

jibqghu hemm, huma mnaqqxa u jridu jigu mharsa u enforzati, u ghal dawn in-nuqqasijiet ir-Rikorrenti qieghed izomm responsabbli lill-Intimati kollha jew minn min minnhom skond il-provi li jirrizultaw fil-mori ta’ dawn il-Proceduri Kostituzzjonali.

Illi r-Rikorrenti jirreferi ukoll ghal diversi Dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni li la gew ikkonfermati bil-gurament u li lanqas ingiebet il-konferma tal-awtenticita’ taghhom, u xorta wahda l-Ewwel Qorti ppermettiethom hemm, bi ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-istess Rikorrenti, kif ukoll ic-cahda biex l-istess rikorrenti itella’ xhieda a bazi tat-talba tieghu tal-1 ta’ Frar, 2010, li l-Ewwel Qorti ddekretat fis-Sentenza tal-1 ta’ Frar, 2010, u ghalhekk meta sar Appell nhar il-Gimgha 5 ta’ Frar, 2010, erbat ijiem wara, din ic-cahda tal-Ewwel Qorti biex ir-Rikorrenti jipproduci xhieda kif kellu kull dritt li jaghmel, anka biex iserrah l-istess mohh tal-Ewwel Qorti dwar dak li kien qed jigi sottomess, kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-istess Rikorrenti, u li ghalihom huma mizmuma responsabbli l-intimati kollha jew minn min minnhom.

Illi kwindi u ghal dawn il-motivi ssir referenza ghas-Sentenza tal-Qorti Rimandanti ta’ nhar it-Tnejn, l-1 ta’ Frar, 2010, a fol. 111 et sequitur tad-Dokument hawn mehmuz AS1, fejn *inter alia*, saru diversi konsiderazzjonijiet wara li l-Ewwel Qorti semghet it-trattazzjoni finali li a bazi tal-mod tal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti ukoll fihom infushom kisru d-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-Rikorrenti, bhal per ezempju li minkejja li l-Ewwel Qorti kkonstatat li huwa gie kkundannat fi Franza fl-assenza tieghu, fatt li huwa estraneju kif ikkummentat l-istess l-Ewwel Qorti ghall-Ordni Guridiku taghna, xorta wahda l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha tibghat lir-Rikorrenti lura Franza biex il-kaz tieghu jerga’ jinstema’ mill-gdid, u dan apparti minn referenzi ohra li saru, kompla kattar il-vjolazzjonijiet ghad-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-Rikorrenti fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom, u ghalhekk fuq invit tal-istess l-Ewwel Qorti fl-ahhar paragrafu tas- Sentenza citata f’a fol. 114 fid-dokument hawn esebit bhala

Dokument AS1, l-istess Rikorrenti ghadda biex mhux biss issottometta r-Rikors tal-Appell tieghu, imma peress li r-Rikorrenti hass li l-Artikolu 10 (1) u (2) tal-istess Kapitolu 275 tal-Ligijiet ta' Malta, meta tali Kapitolu m'huwiex relevanti ghaliex l-Ewwel Qorti kellha tirreferi ghall-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 16 u mhux Artikolu 16 tal-Kapitolu 275 tal-Ligijiet ta' Malta. Allura anka f'dan il-kuntest legali, l-Ewwel Qorti zbaljat u kisret id-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-istess Rikorrenti li ghalihom qieghed izomm responsabbli l-Intimati kollha jew minn min minnhom. Illi, ghaldaqstant, u f'dawn ic-cirkostanzi, ir-Rikorrenti ma kellu ebda triq ohra ghajr illi jirrikorri ghall-provizjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea u anka ta' l-*EU Charter of Fundamental Rights*.

Premess illi r-Rikorrenti sejjer jesebixxi ma' dan ir-Rikors Kostituzzjonali tieghu diversi Dokumenti li mhux biss jindikaw l-irregolaritajiet hawnhekk indikati fil-premessi f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern, imma anka Dokumenti li jirreferu ghal Stqarrijiet mill-Kunsill tal-Ewropa dwar l-istat hazin tal-habsijiet gewwa Franza, referenzi dokumentati dwar l-ossessjoni ta' Franza fejn jirrigwardaw is-setet, u dokumenti ohra li jigu esebiti fil-mori tal-Kawza apparti mid-depozizzjonijiet li jinghataw, li ma ghandhom ihallu ebda dubju kif gew miksura l-Artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-*EU Charter of Fundamental Rights* fejn jidhlu d-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-Rikorrenti Alain Schmitt, illum ta' 49 sena u marid serjament.

Premess illi apparti mill-irregolaritajiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-Esponenti Rikorrenti jrid jigbed l-attenzjoni ta' din il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha ghall-mod kif gie trattat ghal dak li huwa l-kura jew in-nuqqas taghha, l-attenzjoni jew in-nuqqas taghha, il-medikazzjoni jew in-nuqqas taghha li huwa nghata kemm ilu mizmum arrestat bejn is-sitta ta' filghodu ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, u l-jum li fih qed jigi intavolat b'dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern f'jum il-Hamis, 18 ta' Frar, 2010, jigifieri sitt gimghat minn mindu gie arrestat b'mod vjolenti, inuman u degradanti, u

considerando lill-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet it-talba ghall-Helsien tieghu b'Sentenza appozita li nghatat fis-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Frar, 2010, sakemm idum arrestat u privat mill-helsien provizoprju jew permanenti tieghu, ir-Rikorrenti jrid li l-Awtoritajiet Kompetenti Maltin kif indikati fl-Intimati kollha jew minn min minnhom jigu mizmuma responsabbli ghad-danni kollha li bghatha, qed ibghati u ghad jista' jbghati u jinghataw rimedju adekwati minn din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha.

## II. Talbiet Relatati

Illi, ghaldaqstant, Alain Schmitt ir-Rikorrenti mwieled Franza, b'referenza ghall-premessi kollha hawn fuq indikati, b'referenza ghad-diversi zewg Dokumenti hawn mehmuza fl-Elenku ta' Dokumenti, b'referenza ghad-depozizzjoni li r-Rikors fi hsiebu li jaghti kif ukoll dawk ta' persuni ohra, b'referenza ghad-Dokumenti li ser jigu esebiti f'Nota apparti li jindikaw l-ossessjoni ta' Franza bis-setet u l-kundizzjonijiet hziena ezistenti fil-Habsijiet Francizi, b'referenza ghas-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (f'dan l-Att dwar l-estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti) presjedut mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D., fl-ismijiet "Il-Pulizija Spettur Dr. Mario Cuschieri vs Elaine Schmitt", moghtija nhar it-Tnejn, l-1 ta' Frar, 2010, u b'mod partikolari ghall-ahhar paragrafu fis-Sentenza citata tal-Atti Processwali quddiem l-Ewwel Qorti, ir-Rikorrenti Alain Schmitt qieghed umilment jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha sabiex fil-konfronti tal-Intimati kollha jew minn min minnhom, din il-wisq Onorabbli Qorti tiddikjara u tordna illi:-

i. Il-Kostituzzjoni ta' Malta giet miksura b'referenza ghall-Kapitolu IV u cioe' fejn jirrigwardaw id-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, fis-sens illi a bazi tal-Premessi suesposti, id-dokumenti esebiti kemm ghar-Rikors Kostituzzjonali promotur kif ukoll fil-mori tal-Kawza, id-dispozizzjonijiet moghtija kemm mir-Rikorrenti u persuni ohra, l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta gie miksur (billi kull persuna f'Malta hija ntitolata ghad-drittijiet u

libertajiet fundamentali tal-individwu, jigifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' origini, fehmiet politici, kulur, twemmin jew sess taghha, izda suggett ghar-rispett tad-drittijiet u libertajiet ta' ohrajn u ta' l-interess pubbliku, ghal kull wahda u kollha kemm huma dawn li gejjin, jigifieri – (a) il-hajja, liberta', sigurta' tal-persuna, it-tgawdija ta' proprjeta' u protezzjoni tal-ligi; (b) il-liberta' ta' kuxjenza, ta' espressjoni u ta' ghaqda u assoccjazzjoni pacifika; u (c) ir-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu, biex b'hekk id-dispozizzjonijiet li jsegwu wara Artikolu 32 tal-Kapitoli IV [Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu] tal-Kostituzzjoni ta' Malta ikollhom effett sabiex jaghtu protezzjoni ghad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel, salvi dawk il-limitazzjoni ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-dispozizzjonijiet li huma limitazzjonijiet mahsuba biex jizguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippregudikax id-drittijiet u libertajiet ta' ohrajn jew l-interess pubbliku', liema drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu gew ivvjolati f'dan il-klaz ta' Estradizzjoni kontra r-Rikorrenti Alain Schmitt a bazi kemm tat-trattament tieghu meta gie assaltat, il-mod kif gie trattat fil-Facilitajiet Korrettivi ta' Kordin – Taqsima Forensika fl-Isptar Monte Carmeli f'H'Attard, il-mod kif tmexxew il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja f'dawn l-Atti ta' Estradizzjoni indikata bhala Qorti Rimandanti, u a bazi tad-dritt moghti lilu mill-istess Sentenza tal-Ewwel Qorti ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Frar, 2010, l-ahhar paragrafu tas-Sentenza citata "Il-Pulizija Spettur (Dr. Mario Cuschieri) – vs- Alain Schmitt", tali drittijiet u libertajiet fundamentali tal-istess Rikorrenti gew vjolentament ivvjolati;

ii. Illi d-dritt ghall-hajja tar-Rikorrenti Alain Schmitt, anka bhala sieheb Laurence Liegeois kif ukoll it-tifel ta' bejniethom ta' tmien snin Quintaine, huma imminati fl-eventwalita' li l-Estradant Rikorrenti Alain Schmitt jintbaghat lura Franza u dana ghar-ragunijiet fondatissimi fil-fatt u fid-dritt li gew migjuba a konjizzjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti, fejn a bazi ta' Artikolu 33 sub-Artikolu (1) 'hadd ma jista' jigi privat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief l-esekuzzjoni tas-Sentenza tal-Qorti dwar reat kriminali skond il-ligi ta' Malta li tieghu jkun gie misjub

hati', meta f'dan il-kaz evidentament ir-Rikorrenti nstab hati fl-assenza tieghu minn Qorti Franciza, ilu Malta gja ghal madwar sena, ghandu l-hajja familjari u privata tieghu kif ukoll dik ta' genitur (u allura l-interess suprem tal-minuri ukoll jrid jithares mill-Qrati tal-Gustizzja Maltin), u jekk jerga' jintbaghat lura kif ikkonkludiet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-Sentenza ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Frar, 2010, kif hawn fuq indikat, jekk ir-Rikorrenti Estradanti jintbaghat lura Franza, tali dritt ghall-hajja tal-istess Rikorrenti jigi mminat serjament minhabba l-ossessjoni ta' Franza rigwardanti s-setet u l-kundizzjonijiet terribli fil-habsijiet ta' Franza, kif irrizulta mill-provi prodotti fil-mori ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern;

iii. L-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta gie ukoll miksur billi r-Rikorrenti kellu d-dritt li jigi protett minn arrest jew detenzjoni arbitarja u fic-cirkostanzi tieghu gie pprivat mil-Liberta' Personali tieghu ghall-ebda raguni valida meta l-Qrati tal-Gustizzja Maltin setghu facilment awtorizzaw il-Liberta' Provizorja tieghu fic-cirkostanzi, u a bazi tas-sottomissjonijiet fattwali u legali li saru, b'mod illi minkejja diversi talbiet fejn intalbet il-liberta' Provizorja kif jirrizulta ampjament mill-Atti Processwali quddiem l-Ewwel Qorti, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tal liberta' personali giet imcahhda deliberatament b'insistenza kontinwa da parti tal-Prosekuzzjoni kif rapprezentata mill-Intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukta Generali tar-Repubblika u b'rizultat ta' dan, minghajr ebda ragunijiet legalment u fattwalment gustifikati, ir-Rikorrenti gie mcahhad minn dan id-dritt fundamentali bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif irrizulta mill-provi mressqa fil-mori ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali;

iv. Li gie miksur l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn hadd ma ghandu jkun assoggettat ghall-piena jew trattament inuman jew degradanti, kif ma hemm ebda dubju li sar fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt fejn kemm meta gew assaltati fir-residenza taghhom nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010; kemm meta ingabu l-Qorti l-ewwel darba nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, wara nofsinhar; kemm fil-Facilitajiet Korrettivi ta' Kordin – Taqsima Forensika fl-Isptar Monte Carmeli; kif ukoll ghal

dak li huwa Facilita' ta' komunikazzjoni u ta' akkomodazzjoni, ma hemm ebda dubju li r-Rikorrenti gie assoggjettat ghal trattament inuman jew degradanti, u ghakhekk anka f'dan ir-rigward din il-wisq Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qeghda tintalab biex barra li ssib lill-Intimati kollha jew min minnhom hatja ta' dan l-agir, taghti rimedju adekwat ta' kumpens anka lill-istess Rikorrent fic-cirkostanzi u a bazi tal-provi kollha li tressqu fil-mori ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern;

v. Il-Kostituzzjoni ta' Malta giet miksura ukoll fil-konfront tar-Rikorrent a bazi ta' Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn l-istess Rikorrent inkisirlu d-dritt fundamentali ta' protezzjoni ghall-intimita' tad-dar jew proprjeta' ohra meta huwa gie assaltat flimkien ma' membri ohra tal-grupp li ghalih jappartjeni u li bl-ebda mod ma jista' jitqies xi setta (anka kieku kin il-kaz) fl-assalt vjolenti li sar nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, skond kif jirrizulta mill-Atti Processwali ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern u mill-provi mressqa fil-mori ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali;

vi. Gie miksur fir-rigward tar-Rikorrenti Alain Schmitt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi effettivament ma nghatax smigh xieraq gheluq zmien ragjonevoli minn Qorti indipendenti u mparzjali imwaqqfa bil-ligi, kif jirrizulta ampjament l-ezami tal-Atti Processwali ta' dak kollu li sehh quddiem l-Ewwel Qorti, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fejn jirrizulta manifestament li pressjoni kontinwa da parti tal-Prosekuzzjoni influenzat lill-Ewwel Qorti biex iccahhad mid-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-Rikorrent dak li hu protett bil-Kostituzzjoni ta' Malta, fosthom il-helsien provizorju, id-dritt li jiddeponi u jressaq xhieda ohra kemm b'forma ta' persuni kif ukoll a bazi ta' dokumentazzjoni, b'mod illi deher fic-car illi l-principju fundamentali li l-Gustizzja trid mhux biss issir imma tidher li qed issir kien imcahhad fil-konfront tar-rikorrent, u ghaldaqstant qeghda din il-Qorti tigi mitluba biex tikkundanna lill-Intimati jew min minnhom ghall-ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taghti rimedju lir-Rikorrenti ghal dan in-nuqqas;

vii. Gew ivvjolati fir-rigward tar-rikorrent l-Artikolu 40 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta ghal dak li hija protezzjoni ta’ liberta’ ta’ kuxjenza u qima galadarba l-akkuzi jinkwadraw l-involviment ta’ allegatament setta u fl-assenza taghha r-Rikorrenti nstab hati fil-Qorti ta’ Franza ghall-Atti Komunitarji li ma jinkwadrawx ruhhom bhala reati Estradibbli skond il-ligijiet ta’ Malta, apparti mill-fatt li l-Ewwel Qorti u cioe’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja cahdet it-talba espressa tar-Rikorrent biex tkun ikun jista’ jiddeponi, hu u x-xhieda, u jesebixxi dokumenti biex jissostanzja quddiem l-Ewwel Qorti li hawnhekk kien hawn diskriminazzjoni ghaliex ir-Rikorrent jappartjeni ghall-grupp fl-ossessjoni ta’ Franza kien qed jigi ndikat bhala setta; kwindi l-intimati jew min minnhom ivvjolaw dan id-dritt fundamentali ukoll tar-Rikorrenti a bazi tal-Kostituzzjoni, fejn ir-Riorrent qieghed jitlob rimedju minn din il-Qorti fil-konfront tal-Intimati kollja jew minn min minnhom.

viii. L-Artikolu 41 gie vjolat ukoll fir-rigward tar-Rikorrenti billi dan ma thalliex jesprimi ruhu quddiem l-Ewwel Qorti minkejja talba espressa li ghamel, ghalih u ghal xhieda ohra li ried itella’ kif ukoll dokumenti li ried jesebixxi u b’din ic-cahda tal-Ewwel Qorti, gew ivvjolati l-liberta’ tal-espressjoni tal-istess Rikorrenti bi vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni ta’ Malta; kwindi l-Intimati jew min minnhom ghandhom jikkumpensaw ghal dan a bazi tar-rimedji li din il-Qorti Kostituzzjonali takkorda fir-rigward tar-Rikorrent u kontra l-Intimati jew minn min minnhom;

ix. Gew miksura fil-konfront tar-rikorrenti Alain Schmitt l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta li jirrigwarda l-protezzjoni tal-liberta’ ta’ ghaqda u assoccjazzjoni, billi jirrizulta manifestament kemm fl-arrest li vjolentament sehh nhar il-Hamis, 7 ta’ Jannar, 2010; kif ukoll fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja li l-kaz in ezami kien jirrigwarda attivita’ fi grupp allegatament indikat bhala setta u fl-assenza tieghu fil-Qorti ta’ Franza, ir-Rikorrent gie gudikat bhala li wettaq reati fi grupp komunitarju (reati ghall-grazzja tal-argument li lanqas ma huma estradibbli skond il-ligi ta’ Malta minn Malta ghal Franza f’dan il-kaz), u li fuq kollox l-Ewwel

Qorti minkejja li kontinwament ir-Rikorrent jigbdilha l-attenzjnoni ghal dan il-fatt, ghal xi raguni jew ohra warrbet ghal kollox is-sottomissjonijiet li kien jirrizulta car mid-dokumenti esebiti li hawn *si tratta* ta’ akkuzi maghmula komunement fi grupp settarju, li fl-ebda mument ma kien il-kaz, u kwindi l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta gie miksur vjolentament fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt u din il-Qorti hija mitluba li tikkundanna lill-Intimati jew min minnhom u tipprovdi rimedju ghal dan in-nuqqas ta’ vjolazzjoni ta’ dritt fundamentali iehor tar-Rikorrenti f’dan il-kaz odjern;

x. L-Artikolu 43 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta (projbizzjoni ta’ deportazzjoni) gie vjolat ukoll fir-rigward tar-rikorrenti, u dan billi l-Ewwel Qorti kkundannatu biex jigi estradit lejn Franza, meta mill-provi u d-dokumentazzjoni li rrizultaw quddiem l-Ewwel Qorti, jew fin-nuqqas ta’ thollija li tali provi u dokumentazzjoni jinstemghu jew jigu esebiti, l-estradant gie kkundannat, u anka jekk appella mis-Sentenza tal-Ewwel Qorti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali tar-Repubblika ta’ Malta nhar il-Gimgha, 5 ta’ Frar, 2010, skond il-ligi, xorta wahda drittijiet u libertajiet fundamentali tar-rikorrent Alain Schmitt gew ivvjolati anka b’referenza ghall-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta’ Malta, li proprju wassal mhux biss biex gie ntavolat l-Appell mis-Sentenza ta’ nhar it-Tnejn, l-1 ta’ Frar, 2010, imma anka qed isiru dawn il-proceduri Kostituzzjonali skond il-ligijiet ta’ Malta;

xi. L-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta gie ukoll ivvjolat fil-konfront tar-Rikorrent Alain Schmitt billi fl-ewwel lok gie mcahhad mil-Liberta’ tal-moviment tieghu meta gie arrestat f’daru fis-sighat bikrin ta’ filghodu nhar il-Hamis, 7 ta’ Jannar, 2010; meta nzamm inkarcerat minkejja talbiet persistenti ghal-Liberta’ Provizorja tieghu, kif gie mfisser ripetutivament anka f’dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern, kif ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument jigi estradit lejn Franza, u ghalhekk il-liberta’ ta’ moviment tieghu abbuzivament u minghajr bazi legali kif gie sottomess gie ivvjolat bi ksur tal-Artikolu 44, u din il-Qorti ghandha tipprovdi rimedju fil-konfront tal-intimati kollha jew min minnhom skond kif jirrizulta lil din il-wisq Onorabbli Qorti;

xii. Illi l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba razza, ecc) gie ivvjolat ukoll fir-rigward tar-Rikorrenti Alain Schmitt billi minhabba li jappartjeni ghall-grupp li gie deskritt eronjament bhala setta, saret diskriminazzjoni mar-Riokrrenti fl-ewwel lok billi gie kkundannat fl-assenza tieghu gewwa Franza, fit-tieni lok billi sar assalt fuq ir-residenza tieghu f'Birguma, limiti tan-Naxxar gewwa Malta, billi gie mcahhad mill-familja tieghu, partikolarment mis-siehba tieghu u t-tifel li ghandu minnha ta' tmien snin, u anka milli jiddeponi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ripetutivament intqal, ippruvat u sottomess kemm quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Appell li gie ntavolat, u issa f'dawn il-proceduri Kostituzzjonali; ghalhekk din il-Qorti ghandha taghti rimedji gust skond il-ligi fil-konfront tal-intimati kollha jew minn min minnhom;

xiii. Illi l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghandu jigi implimentat anka fis-sens illi jinghataw rimedji opportuni inkluz likwidazzjoni ta' danni sofferti, li qeghdin jigu sofferti u li ghad iridu jigu sofferti, a bazi tad-diversi talbiet relatati ma' Artikoli fil-Kostituzzjoni ta' Malta, Kapitolu IV tal-istess Kostituzzjoni li jirrigwarda drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu partikolarment dawk l-Artikoli li gew specifikament indikati a konjizzjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti;

xiv. L-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta sa fejn applikabbli u implimentabbli, ghandu jigi hekk applikat minn din il-Qorti fir-rigward u a bazi tat-talbiet hawn fuq suesposti relatati mal-Artikoli fil-Kostituzzjoni ta' Malta li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-rikorrenti Alain Schmitt, partikolarment l-Artikoli specifikament indikati.

**<u>Kapitolu 319 – Il-Konvenzjoni Ewropea</u>**

Illi din il-wisq Onorabbli Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, b'referenza ghall-proceduri ta' Estradizzjoni kontra r-Rikorrenti Alain Schmitt, b'referenza

ghall-assalt vjolenti li sar nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, ghall-habta tas-sitta ta' filghodu u fis-sighat li jsegwu, b'referenza ghall-mod kif tressaq il-Qorti nhar il-Hamis wara nofsinhar, 7 ta' Jannar, 2010, b'referenza ghat-trattament tieghu fil-Facilitajiet Korrettivi ta' Kordin – Taqsima Forensika fl-Isptar Monte Carmeli, u l-mod kif tmexxew il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bi pressjoni kontinwa da parti tal-Prosekuzzjoni kif rapprezentata mill-Intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali tar-Repubblika partikolarment imma mhux esklussivament, b'referenza ghad-deposizzjonijiet li saru quddiem il-Qorti, ix-xhieda li tressqu u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kontenut ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern, din il-Qorti qeghda tintalab biex b'referenza ghall-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti ghandha tidderiegi, tiddikjara u tordna illi:-

xv. Il-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, gew miksura ukoll fir-rigward tar-Rikorrenti Alain Schmitt, u li fir-rigward tal-istess Rikorrenti l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 ghandu jigi applikat u mplimentat sa fejn applikabbli u implimentabbli fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom, inkluz rimedji u likwidazzjoni tad-danni sofferti, li qeghdin jigu sofferti u li ghad jistghu jigu sofferti mir-Rikorrent odjern a bazi tac-cirkostanzi imfissra f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali u r-referenzi li saru fih ghar-rigward tal-assalt filghodu kmieni u fis-sighat ta' wara ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010; il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, il-karcerazzjoni tieghu fil-Facilitajiet Korrettivi ta' Kordin – Taqsima Forensika fl-Isptar Monte Carmeli, u nuqqasijiet li saru fil-konfront tar-Rikorrent ghal dak li jirrigwarda d-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu;

xvi. Li ghandha ssir referenza ghall-Artikolu 5 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta fejn din il-Qorti ghandha tissottolinea d-dritt tar-Rikorrent Alain Schmitt li ghamel il-petizzjoni individwali tieghu lis-Segretarju tieghu tal-Kunsill tal-Ewropa skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 25 tal-

Konvenzjoni u tal-Artikoli kollha tal-istess Konvenzjoni li ghandhom x'jaqsmu, b'mod illi bl-ebda mod ma tittiehed xi azzjoni enforzabbli mill-Awtoritajiet kompetenti Maltin fosthom l-Intimati kollha jew minn min minnhom fir-rigward tal-Estradizzjoni tal-istess Rikorrent Alain Schmitt;

xvii. Ghandu jkun applikat u mplimentat fir-rigward tar-Rikorrent l-Artikolu 6 fid-dimensjoni kollha tieghu tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta rigward l-esegwibilita' tad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan a favur ir-Rikorrenti Alain Schmitt u fil-konfront tal-Initmati kollha hawn indikati jew minn min minnhom;

xviii. B'referenza ghall-ewwel skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qeghda tigi mitluba tiddikjara li gie vvjolat l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea fis-sens illi bl-Estradizzjoni tar-Rikorrent lejn Franza d-dritt tal-hajja tieghu jigi serjament imminat, u dan minhabba diversi ragunijiet li nghataw kemm fil-Korp ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern kif ukoll fl-Atti Processwali fl-intier taghhom kollha, kemm f'dan il-kaz Kostituzzjonali kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u anka issa quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali wara li gie intavolat Appell nhar il-Gimgha, 5 ta' Frar, 2010;

xix. L-Artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta gie ukoll miksur fil-konfront tar-Rikorrenti Alain Schmitt billi huwa gie assoggettat ghal trattament inuman u degradanti kif irrizulta minghajr l-icken dubju fil-mori ta' dawn il-proceduri a bazi tal-kontenut tar-Rikors promotur, id-depozizzjonijiet li saru u d-Dokumenti li gew esebiti, u din il-Qorti qed tigi mitluba taghti rimedju fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif jirrizultalha fil-mori ta' dawn il-proceduri Kostituzzjonali;

xx. L-Artikolu 5 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta gie ukoll miksur fir-rigward tar-rikorrenti Alain Scmitt billi l-liberta' u s-sigurta' tal-persuna tieghu gew ripetutivament mhedda kemm fl-assalt vjolenti ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, bejn is-sitta ta' filghodu

s-sighat wara, kif ukoll fil-Facilitajiet Korrettivi ta’ Kordin – Taqsima Forensika fl-Isptar Monte Carmeli meta ma kien hemm ebda gustifikazzjoni ghall-Ewwel Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja cahhdet il-liberta’ provizorja tal-istess Rikorrent Alain Schmitt, u ghalhekk l-Intimati kollha jew minn min minnhom ghandhom ikunu responsabbli ghal dan u b’ordni ta’ din il-Qorti Kostituzzjonali jipprovdu r-rimedju adekwat lill-istess Rikorrenti

xxi. L-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea u cioe’ Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta gie ukoll ivvjolat fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt billi ma nghatax smigh imparzjali ghall-Ewwel Qorti tal-Magistrati b’mod illi l-imparzjalita’ bir-rispett kollu tal-Ewwel Qorti giet iddubitata bil-mod kif – inter alia – l-Ewwel Qorti ripetutivament cahhdet il-helsien provizorju lir-Rikorrent, irrifjutat li tisma’ lir-Rikorrent u x-xhieda ohra li ried iressaq, kif ukoll gie michud id-dritt li jesebixxi d-dokumenti, apparti mill-fatt li gie njorat principju fondamentali fis-sistema guridika taghna u cioe’ li r-Rikorrenti ma kienx prezenti meta nghatat is-Sentenza gewwa Franza u ma ngabu ebda provi dokumentati ta’ prokuri li ma jhallu ebda dubju li tabilhaqq ir-Rikorrenti kien irrapprezentat gewwa Franza b’mod illi d-drittijiet tieghu bl-ebda mod ma kienu sejrin jigu traskurati, u ghalhekk ir-Rikorrent qed jissottometti l-ismiegh imparzjali tieghu gie imminat kif jirrizulta lil din il-Qorti Kostituzzjoanli fil-mori ta’ dawn il-proceduri anka a bazi tax-xhieda u d-dokumentazzjoni li gew esebiti;

xxii. L-Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta gie vvjolat ukoll fir-rigward tar-Rikorrent billi ma gietx irrispettata il-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta’ daru u tal-korrispondenza tieghu u dana kif indubitabilment irrizulta lil din il-Qorti Kostituzzjonali fil-mori ta’ din il-kawza, u kwindi din il-Qorti ghandha taghti dawk ir-rimedji opportuni fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom skond id-decizjoni ta’ din il-Qorti Kostituzzjonali;

xxiii. L-Artikolu 9 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta gie vvjolat ukoll fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt u dan billi d-dritt ghal-liberta’ tal-hsieb, kuxjenza u religjon tal-istess Rikorrent gie vvjolat billi kjarament ir-Rikorrenti nstab hati fl-assenza tieghu ghax kien allegatament jippartjeni ghal setta li qatt ma kien il-kaz, u anka meta l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ikkonstatat li r-Rikorrenti ma kienx prezenti fi Franza meta nghatat id-decizjoni, xorta wahda l-Qorti ta’ Malta ddeterminat li r-Rikorrenti kellu jigi estradit lejn Franza u dan bi ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu, u ghalhekk din il-Qorti Kostituzzjonali ghandha taghti rimedji kontra l-Intimati jew min minnhom a bazi tal-provi li jirrizultaw u qeghdin jirrizultaw fil-mori ta’ dawn il-proceduri Kostituzzjonali;

xxiv. L-Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea gie ukoll miksur fir-rigward tar-Rikorrenti Alain Schmitt billi gie mcahhad mid-dritt tal-liberta’ ta’ espressjoni tieghu, kemm ghal dak li jirrelata mal-orjentament tieghu ta’ liema grupp jaghzel li jkun jew le, kif ukoll minhabba l-fatt li l-Ewwel Qorti tal-Magistrati (Malta) cahhditlu d-dritt li jiddeponi quddiemha kif jirrizulta manifestament mill-Atti Processwali tal-kaz tal-Estradizzjoni tieghu imressaq mill-Prosekuzzjoni, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qeghda tigi mitluba taghti r-rimedji opportuni fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif tiddeciedi din l-Onorabbli Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha,

xxv. L-Artikolu 11 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta gie ukoll miksur fir-rigward tar-Rikorrent minhabba li ma thalliex ihaddan id-dritt ghal-liberta’ ta’ ghaqda pacifika u ghal-liberta’ ta’ assoccjazzjoni ma’ ohrajn, u dan kif jirrizulta ampjament fil-mori ta’ dawn il-proceduri Kostituzzjonali fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom;

xxvi. L-Artikolu 12 tal-Kapitolu 319 fl-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea gew miksura ukoll fil-konfront tar-Rikorrenti Alain Schmitt billi l-Ewwel Qorti tal-Magistrati (Malta) tenniet li ma kelliex Gurisdizzjoni tordna lid-

Direttur tal-Habs jew Awtoritajiet Kompetenti ohra li r-Rikorrent jinghaqad fiz-zwieg mas-siehba tieghu Laurence Liegeois u li minnha ghandu tifel ta' tmien snin Quintaine, u dan meta skond il-Ligijiet Nazzjonali tar-Repubblika ta' Malta, ir-Rikorrent ghandu eta' adekwata biex ikun jista' jinghaqad fiz-zwieg mas-siehba u l-mara tal-ghazla hielsa tieghu : din il-Qorti ghandha taghti rimedju ghal dan kontra l-Initmati jew min minnhom fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti Kostituzzjonali a bazi tal-provi li rrizultaw fil-mori ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali;

xxvii. L-Artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi mplimentat fis-sens illi kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati fil-Konvenzjoni Ewropea ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem Awtorita' Nazzjonali ghalkemm dan il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali, u dan din il-Qorti ghandha timplimentah fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif jidhrilha a bazi tal-provi mressqa f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern;

xxviii. L-Artikolu 14 tal-Ewwel Skeda, tal-Kapitolu 319 tal-Konvenzjoni Ewropea ghandu jigi mplimentat a favur tar-Rikorrenti Alain Schmitt fis-sens illi t-tgawdija tad-drittijiet u l-libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhal ma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assoccjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta' twelid ta' *status* iehor, u dan skond kif tiddetermina din il-wisq Onorabbli Qorti Kostituzzjonali a bazi tal-provi prodotti fi-mori ta' din il-kawza Kostituzzjonali;

xxix. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali gie vvjolat ukoll fir-rigward tar-Rikorrenti Alain Schmitt billi gie mcahhad mill-possedimenti tieghu fis-sens, gie mcahhad mill-grupp li jippartjeni ghalih, gie mcahhad minn ibnu minuri ta' tmien snin, u mis-siehba tieghu li lilha jrid jizzewweg, u ghal din il-Qorti Kostituzzjonmali ghandha tipprovdi r-rimedji fil-

konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif tiddetermina din il-Qorti Kostituzzjonali;

xxx. L-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali gie vvjolat fil-konfront tar-Rikorrenti Alain Schmitt u dan billi gie mcahhad mil-liberta' ta' movimenti a bazi tal-fatti u c-cirkostanzi kollha kif gew deskritti f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali quddiem il-Qorti Kompetenti u a bazi tad-depozizzjonijiet, dokumenti u provi li tressqu fil-mori ta' din il-kawza Kostituzzjonali, liema Qorti Kostituzzjonali ghandha taghti rimedji fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif jirrizulta lil din l-istess Qorti;

xxxi. L-Artikolu 1 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali qed jigi vjolat ukoll fir-rigward tat-tkeccija f'ghamla ta' Estradizzjoni tar-Rikorrenti li kien diga' ilu sena jirrisjedi fil-Gzejjer Maltin u Ghawdxin, u cioe' fir-residenza f'Birguma fil-limiti tan-Naxxar gewwa Malta, u dan kif jirrizulta ampjament mill-provi mressqa fil-mori ta' din il-kawza, mid-depozizzjonijiet moghtija, dokumenti esebiti, u l-fatti u c-cirkostanzi li jirrizultaw lil din il-Qorti fil-mori ta' din il-kawza, u rimedju ghandu jinghata kontra l-Intimati jew min minnhom fid-diskrezzjoni ta' dan il-wisq Onorabbli Qorti;

xxxii. Din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tapplika sa fejn applikabbli u timplimenta sa fejn implimentabbli t-Tieni Skeda (Artikolu 3) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan a favur ir-Rikorrent, u fil-konfront tal-Intimati kollha jew min minnhom skond kif tiddetermina u tiddeciedi din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali;

xxxiii. Ghandha tkun applikabbli sa fejn applikabbli u implimentata sa fejn implimentabbli t-Tielet Skeda (Artikolu 4A) fil-paragrafi 22 sa 25 tar-Rapport Spjegattiv ghas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, u dan a favur tar-Rikorrent Alain Schmitt u kontra l-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif tiddetermina din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha.

**<u>Charter of Fundamental Rights of the European Union</u>**

Illi din il-wisq Onorabbli Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, qed issirilha referenza ukoll ghac-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* li huwa enforzabbli b'effett mill-1 ta' Dicembru tas-sena 2009 fuq il-Membri Stati tal-Unjoni Ewropea kollha kif inhuma Franza u Malta fil-kaz odjern, u li anka elementi minn ic-*Charter of Fundamental Rights of the European Union*, gew miksura fir-rigward tar-Rikorrenti **Alain Schmitt**, a bazi ta' dak li gie sottomess f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali tar-Rikorrent, u a bazi tal-fatti, dokumenti, depozizzjonijiet u proceduri li sehhew, partikolarment b'referenza ghall-assalt vjolenti nhar il-Hamis, 7 ta' Jannar, 2010, fir-residenza tar-Rikorrent gewwa l-Birguma, Naxxar f'Malta, kif ukoll il-mod kif gie trattat fil-Facilitajiet Korrettivi ta' Kordin – Taqsima Forensika tal-Isptar Monte Carmeli, u nuqqasijiet li saru fir-rigward tad-drittijiet u libertajiet tieghu bhala individwu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.

Illi, ghaldaqstant, din il-wisq Onorabbli Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, qeghda tigi mitluba sabiex fil-parametri ta' dak kollu mitqal f'dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern u bir-referenzi kollha li hemm kontenuti fih, din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha u b'referenza ghal *Charter of Fundamental Rights of the European Union*, qeghda tigi mitluba biex tiddikjara, tidderiegi u tordna illi:-

xxxiv. Il-preambolu tac-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* gie vjolat fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt minhabba li 'the indivisible, univeral values of human dignity, freedom, equality and solidarity' gew miksura, u dan a bazi ta' dak li jirrizulta lil din il-wisq Onorabbli Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha fil-mori ta' din il-kawza fir-rigward tar-Rikorrent u fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom;

xxxv. L-ewwel Artikolu dwar id-dinjita' umana fic-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* gew

ivvjolati bl-aktar mod flagranti u car fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt, u dan a bazi ta' dak li jirizulta lil din il-Qorti kemm mill-kontenut tar-Rikors promotur kif ukoll minn provi ohra imressqa fil-mori ta' din il-kawza li ghalihom din il-Qorti ghandha taghti rimedju lir-Rikorrent fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif jirrizulta lil din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha;

xxxvi. L-Artikolu 3 id-Dritt tal-Integrita' tal-Persuna tac-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* gie ukoll ivvjolat fir-rigward tar-Rikorrent u dan kif evidentament jirrizulta lil din il-Qorti mill-provi mressqa quddiemha fil-mori ta' din il-kawza Kostituzzjonali u fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom;

xxxvii. L-Artikolu 4 tac-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* gie vvjolat fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt u dan kif bla ebda dubju jirrizulta lil din il-Qorti minn dan ir-Rikors Promotur u mill-provi mressqa fil-mori ta' din il-Kawza – dan fil-konfront ta' l-Intimati kollha jew minn min minnhom;

xxxviii. It-Tieni Kapitolu dwar il-Libertajiet tac-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* gie ukoll ivvjolat fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt partikolarment Artikolu 6 id-Dritt ghal-Liberta' u Sigurta' u Artikolu 7 ir-Rispett dovut ghall-hajja privata u dik tal familja : Libertajiet li gew miksura fir-rigward tar-Rikorrent u din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha ghandha taghti rimedji a favur ir-Rikorrent u fil-konfront tal-Intimati kollha jew min minnhom skond kif tiddetermina din il-wisq Onorabbli Qorti;

xxxix. L-Artikolu 9, u cioe' id-Dritt ghaz-Zwieg u d-Dritt li jkollok familja; l-Artikolu 10, u cioe' il-liberta' tal-hsieb, u x-xjenza u religjon; l-Artikolu 11 il-liberta' tal-espressjoni u informazzjoni, u l-Artikolu 12 il-liberta' tal-ghaqda u tal-assoccjazzjoni fit-Tieni Kapitolu dwar il-Libertajiet fic-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* dawn kollha gew miksura fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt u dan kif jirrizulta ampjament anke a bazi ta' dak

sottomess f'dan ir-Rikors Promotur u mill-provi mressqa fil-mori ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali quddiem din l-Onorabbli Qorti;

xl. L-Artikolu 19 fit-Tieni Kapitolu dwar il-Libertajiet fic-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* gew ukoll miksura fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt minhabba l-Estradizzjoni li giet ordnata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u dan minhabba l-periklu serju li r-Rikorrent ikollu biex jigi ttorturat jew jinghata trattament inuman jew degradanti jew kastig simili jekk huwa jintbaghat lura Franza fejn dawn ghandhom ossessjoni fejn jidhlu s-setet kif ukoll il-kundizzjonijiet pessmi fil-habsijiet taghhom skond kif jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza u fil-parametri tar-Rikors Promotur ta' dan ir-Rikors Kostituzzjonali odjern, u ghalhekk tali rimedju ghandu jinghata a favur ir-Rikorrent u fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif tiddetermina din il-Qorti;

xli. Kapitolu 3 dwar l-Ugwaljanza fic-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* gie ukoll miksur fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt u dan minhabba li saret diskriminazzjoni mieghu ghax jappartjeni lill-grupp li gie deskritt bhala setta, kif ukoll a bazi ta' Artikolu 21, li jirrigwarda d-diskriminazzjoni, l-Artikolu 22, diversitajiet kulturali, religjuzi u lingwistici, kif ukoll anke minhabba d-drittijet tat-tfal, l-Artikolu 24 fit-Tielet Kapitolu tac-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* minhabba li r-Rikorrent gie mcahhad mit-tifel minuri tieghu Quintaine kif irrizulta lil din il-Qorti fil-mori ta' dan il-kawza, u a bazi tad-depozizzjonijiet, dokumentazzjoni, cirkostanzi, fatti u xhieda li gew imressqa, u ghalhekk din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha ghandha taghti rimedji lir-Rikorrent Alain Schmitt fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif tiddtermina din il-wisq Onorabbli Qorti;

xlii. L-Artikolu 33 f'Kapitolu 4 – Solidarjeta' - *Charter of Fundamental Rights of the European Union* gew ukoll miksura fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt billi d-dritt tieghu li jgawdi l-hajja familjari gie vjolentament miksur kif

bla dubju jirrizulta lil din il-Qorti fil-mori ta' dawn il-proceduri Kostituzzjonali, u ghalhekk ghandu jinghata rimedju a favur ir-Rikorrent u kontra l-Intimati kollha jew minn min minnhom;

xliii. L-Artikolu 45 tal-Kapitolu 5 – id-Drittijiet tac-Cittadini - *Charter of Fundamental Rights of the European Union* u cioe' il-liberta' tal-moviment u residenza gie miksur fil-konfront tar-Rikorrent Alain Schmitt, u dan a bazi ta' dak li jirrizulta lil din il-wisq Onorabbli Qorti fil-mori ta' din il-kawza : kwindi rimedju ghandu jinghata lir-Rikorrent fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom;

xliv. L-Artikolu 47 u cioe' id-Dritt ghal rimedju effettiv u gudizzju gust kif ukoll l-Artikolu 48 il-presunzjoni tal-innocenza u d-dritt tad-Difiza, kif ukoll l-Artikolu 49 principji ta' legalita' u proporzjonalita' ghall-offizi kriminali u penali tal-Kapitolu 6 gew miksura fir-rigward tar-Rikorrent Alain Schmitt, u dan kif jirrizulta ampjament lil din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, u ghalhekk rimedju ghandu jinghata lir-Rikorrenti fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom;

xlv. Il-Kapitolu 7 – General Provisions - *Charter of Fundamental Rights of the European Union* ghandu jigi applikat u implimentat sa fejn applikabbli u implimentabbli fir-rigward tar-Rikorrent u dan b'referenza partikolari ghall-Artikolu 51, 52, 53 u 54 tal-istess Taqsima 7 – General Provisions - *Charter of Fundamental Rights of the European Union*, skond kif jirrizulta lil din il-Qorti fil-mori ta' dawn il-proceduri, a favur ir-Rikorrent Alain Schmitt u fil-konfront tal-Intimati kollha jew minn min minnhom skond kif tiddetermina din il-Qorti.

Illi, ghaldaqstant, din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, b'referenza partikolarment ghall-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Konvenzjoni Ewropea Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u Charter of Fundamental Rights of the European Union, b'referenza ghad-diversi talbiet li saru f'dawn it-tliet taqsimiet fejn ir-Rikorrent issottometta t-talbiet tieghu, din il-wisq Onorabbli Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha ghandha taghti dawk ir-rimedji u

kumpens effettiv u enforzabbli fil-konfront tal-Inimati kollha jew minn min minnhom skond kif tiddetermina din il-wisq Onorabbli Qorti.

Illi ulterjorment ir-Rikorrenti qieghed jirriserva kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lilu skond il-ligijiet ta’ Malta u dawk tal-Unjoni Ewropea, inkluz ir-referenza ghall-Qorti tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu fi Strasbourg, u dan kontra l-Intimati kollha kif indikati u premessi, li minn issa jigu imqeghda in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati Prim Ministru, Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin, Avukat Generali, Ministru tal-Gustizzja u Intern, Kummissarju tal-Pulizija, Direttur tal-Habs, Kap tas-Servizz ta’ Sigurta’, Superintendent Mount Carmel Hospital u Dr. Joseph Spiteri li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament l-esponenti jitolbu li dawn il-proceduri jinstemghu b’urgenza peress li l-perjodu moghti biex tintemm din il-procedura taht il-European Arrest Warrant (EAW) u r-rikorrent jitregga’ lura, jaghlaq fis-7 ta’ Marzu 2010 u dan skond l-Artikolu 17 tal-Arrangament li jirreferi ghalih l-Avviz Legali 320 tal-2004 kif emendat, u cioe’ id-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta’ Gunju 2002.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-procedura kienet intavolata fuori termine ai termini tar-regolamenti 35 u 25 tal-A.L. 320/2004 stante li dan ir-rikors kien intavolat wara li skadew sebat ijiem mill-ordni ghat-treggiegh moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. L-Artikolu 16 tal-Kap. 276 (rez applikabbli ghall-procedura fuq il-Mandat t’Arrest Ewropew bir-Regolament 25 tal-AL 320/04) jipprovdi li:

“16. Meta persuna tintbaghat f’kustodja skond l-artikolu 15, il-Qorti ghandha, barra milli tgharrafha li ma tkunx se titregga’ lura qabel ma jghaddu hmistax-il jum mid-data ta’ l-ordni ta’ kustodja u li, hlief fil-kaz li tintbaghat taht kustodja biex tistenna li titregga’ lura taht id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 15(5), hi tista’ tappella lill-

Qorti ta’ l-Appell Kriminali, tgharrafha ukoll illi, jekk jidhrilha li xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 10(1) u (2) tkun giet miksura jew li xi dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jew ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun giet jew x’aktarx tkun se tigi miksura dwar il-persuna **taghha hekk li tkun gustifikata rrevoka, l-annullament jew il-modifika ta’ l-ordni ta’ kustodja tal-Qorti**, hija ghandha jedd li titlob rimedju skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 46 ta’ l-imsemmija Kostituzzjoni jew ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skond il-kaz.”

Imbaghad ir-Regolament 25(2) jispecifika li:
“(2) L-artikolu 16 ta’ l-Att rilevanti ghandu japplika bhallikieku minflok il-kliem “hmistax-il jum” hemm fih gew imdahhla l-kliem “sebat ijiem”.

Ghalhekk ir-rikors odjern kellu jkun prezentat sal-11 ta’ Frar 2010 meta fil-fatt gie prezentat fit-18 ta’ Frar 2010.

Preliminarjament, l-intimat Direttur Skwadra Servizzi Sigrieti ma jezistix u n-nomenklatura korretta hi Kap Servizz tas-Sigurta’.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja u Intern, id-Deputat Prim Ministru u Ministru ghall-Affarijiet Barranin, il-Kap tas-Servizz ta’ Sigurta’ u Dr. Joseph Spiteri m’humiex legittimi kuntradittūri u ghandhom jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju. Dan peress li hadd minnhom ma kien involut la direttament u lanqas indirettament fil-proceduri ta’ estradizzjoni tar-rikorrent. Barra minn hekk, hemm intimati ohra li jistghu jwiegbu ghal-lanjanzi tar-rikorrent dwar dik il-fazi tal-procedura tal-estradizzjoni rispettiva.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju ghad-dispozizzjoni tieghu, liema rimedju hu utilizza. Ir-rimedju kien jikkonsisti fil-proceduri ordinarji ta’ treggiegh fil-Qorti tal-Magistrati u fil-Qorti tal-Appell Kriminali. L-allegazzjonijiet tar-rikorrent kienu diga’ mqajma fil-

proceduri ta' treggiegh u kien hemm decizjoni dwarhom. Ghalkemm l-ezitu kien negattiv ghar-rikorrent, dan ma jfissirx li r-rimedju ma kienx adegwat. Ghalhekk l-esponenti jissottomettu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tisma' l-kaz ai termini tal-proviso tal-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap. 319.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu:

a. Ir-rikorrent jittenta jerga' jiftah il-proceduri t'estradizzjoni billi jqajjem hafna punti fil-paragrafi 1 sa 36, diga' hemm decizi finalment permezz ta' decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fil-15 ta' Frar 2010 u fit-23 ta' Frar 2010, u hekk jutilizza din il-procedura straordinarja bhala appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali,

b. In kwantu r-rikorrent jittenta jlibbes allegazzjonijiet ta' natura ta' ligi ordinarja b'libsa kostituzzjonali,

c. U in kwantu r-rikorrent jallega ksur ta' kwazi l-artikoli kollha fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea (halla biss barra dak taht l-Artikoli 35 u 37, u 4 rispettivament) li jipprotegu d-drittijiet fundamentali tieghu minghajr ma jissustanzja remotament tali allegazzjonijiet,

din il-procedura hija frivola u vessatorja u intenzjonata biss biex ittellef il-process ta' mandat t'arrest Ewropew (EAW) u ma thallihx jiehu l-kors spedit tieghu fiz-zmien stabbilit skond id-decizjoni Kwadru u l-Avviz Legali 320 tal-2004 kif emendat.

L-esponenti jitolbu l-isfilz tad-dokumenti markati AS2 u AS3 stante li dawn huma allegatament kopji ta' rapporti ta' gazzetti u mezzi ta' komunikazzjoni ohra u la huma awtentikati u lanqas huma marbuta mal-kaz tar-rikorrent. Dokumenti bhal dawn jistghu possibilment jaghtu stampa gurnalistika generali dwar x'qed jigri f'pajjiz f'mument partikolari imma m'humiex marbuta mal-kaz tar-rikorrent. Ghalhekk ghandhom jigu sfilzati.

Fil-mertu, jinghad li ghandhom ikunu allegati l-atti tal-estradizzjoni kontra r-rikorrent fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Alain Schmitt*", Appell Kriminali Numru 33/2010 li nstema' flimkien ma' l-Appell Kriminali Numru 34/2010, "*Il-Pulizija vs Laurence Liegeois*".

M'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni Ewropea u dan ghas-segwenti ragunijiet.

Ir-rikorrent jallega ksur tal-artiklu 32 tal-Kostituzzjoni minhabba t-trattament tieghu meta gie assaltat, minhabba t-trattament li rcieva fil-Facilita' Korrettiva u f'Monte Carmeli kif ukoll kif tmexxew il-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti. L-esponenti jissottomettu li dan l-artiklu hu dikjaratorju u ma tezisti l-ebda azzjoni taht il-Kostituzzjoni dwar ksur ta' dan l-artiklu. Barra minn hekk, jinghad ukoll li r-rikorrent ma jispecifikax ezattament kif gew vjolati b'xi trattament li rcieva, kull wiehed minn dawn id-drittijiet li jsemmi, u li wara kollox jinsabu elenkati f'aktar dettall fl-artikoli 33 et seq.

Ir-rikorrent jallega ksur tad-**dritt ghall-hajja** (artiklu 33 tal-Kostituzzjoni u Artiklu 2 tal-Konvenzjoni msemmi fil-paragrafu (xviii) tar-rikors promotur). Dwar dan, l-esponenti jissottomettu li hu ferm difficli biex wiehed jifhem kif wiehed jasal jallega ksur ta' dan l-artikolu ghaliex <u>hawn Malta r-rikorrent zgur li mhu akkuzat bl-ebda reat</u> li in konsegwenza tieghu qed jigi mittiefes id-dritt ghal hajtu! Rigward l-allegazzjoni tar-rikorrent li dan id-dritt jista' jigi vjolat ghaliex, skond hu, "jigi imminat serjament minhabba l-ossessjoni ta' Franza rigwardanti s-setet u l-kundizzjonijiet terribli fil-habsijiet ta' Franza", l-esponenti jissottomettu li allahares kull sentenza ta' habs gewwa Franza ghandha titqies bhal sentenza ta' esekuzzjoni!! Din tkun assurdita'. Dak li forsi ghadu ma jafx ir-rikorrent u hawnhekk wiehed jista' jserrahlu mohhu, hu li Franza abolixxiet il-piena kapitali fl-1981 u ghalhekk ma japplikax l-artikolu 11(2)(b) tal-Kap. 276. Dwar l-allegazzjonijiet fiergha li dawn il-proceduri (inkluz ovvjament il-hrug tal-EAW) saru minhabba l-ossessjoni ta' Franza fuq is-setet,

dan gie michud miz-zewg Qrati u partikolarment mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'paragrafu 7 sa 9 tad-decizjoni moghtija fil-konfront tar-rikorrent u Laurence Liegeois datata 23 ta' Frar 2010. Ghalhekk certament m'hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikli.

Ir-rikorrent jallega ksur tad-dritt ta' protezzjoni minn **arrest jew detenzjoni arbitrarja** (Artiklu 34 tal-Kostituzzjoni u artiklu 5 tal-Konvenzjoni (ara paragrafu [xx] tar-rikors). L-esponenti jissottomettu dan l-artiklu mhux applikabbli f'kaz li jkun hemm ic-cirkostanzi msemmija fost ohrajn fl-artiklu 34(1)(b), (f) u (j) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 5(1)(a) u (b) u (f) tal-Konvenzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Rimandanti tat diversi digrieti fejn giet michuda l-liberta' tar-rikorrenti precizament minhabba t-talba ghall-estradizzjoni tal-istess, l-ahhar darba nhar il-15 ta' Frar 2010 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. L-esponenti jissottomettu li f'kull kaz il-Qrati Maltin kienu qed jagixxu skond il-ligi u r-rikorrent mkien mhux qed jattakka xi provvediment tal-ligi Maltija. Jinghad ukoll li r-rikorrent inghata trattament tajjeb, korrett u skond il-ligi waqt l-arrest tieghu u waqt il-proceduri nfushom, nkluz bil-hatra ta' interpretu. Certament dan hu ilment frivolu u vessatorju u ghandu jigi respint.

Ir-rikorrent jallega ksur tad-dritt ta' protezzjoni minn **trattament inuman u degradanti** kif protett bl-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u artiklu 3 tal-Konvenzjoni (ara paragrafu [xix] tar-rikors). L-esponenti jissottomettu li minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent kien ittrattat inumanament jew torturat. Anzi f'dan is-sens wiehed ghandu jirreferi ghax-xhieda li taw quddiem il-Qorti Rimandanti Dr. Spiteri u Dr. Scerri, li gja saret referenza ghaliha fir-risposta tal-esponent Avukat Generali tat-12 ta' Frar 2010 fil-mori tal-appell, kif ukoll ghax-xhieda quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' Dr. Bugeja u Dr. Spiteri fil-15 u fis-19 ta' Frar rispettivament. Ghandha ssir riferenza ghal dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar 2010 f'paragrafu 1 dwar il-kundizzjoni tar-rikorrent. Jekk il-fatt li wiehed kontinwament qieghed jittiehed ghall-appuntamenti ma' konsulenti medici barra mit-taqsima forensika f'Mount Carmel jammonta ghal trattament inuman, degradanti u tortura, allura j'Alla kull cittadin Malti jkun jista' jallega ksur

f'dan is-sens! Ir-rikorrent jallega ukoll ksur tad-dritt ta' protezzjoni ghall-**intimita' tad-dar jew proprjeta' ohra** (Artiklu 38 tal-Kostituzzjoni u artiklu 8 tal-Konvenzjoni) (ara paragrafu [xxii] tar-rikors promotur). L-esponenti jissottomettu li dawn l-artiklu m'humiex applikabbli ghal dan il-kaz minhabba l-applikazzjoni fost ohrajn tal-artiklu 38(2)(d) tal-istess Kostituzzjoni. F'kull kaz jinghad ukoll li l-arrest u kull tfittxija li saret mill-awtoritajiet Maltin saret ukoll skond mandat t'arrest mahrug minn Magistrat Maltija (Dr. Gabriella Vella) u saret skond il-ligi u bid-dinjita' u rispett kollu mehtieg.

Rigward l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt ta' **smigh xieraq** (Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u artiklu 6 tal-Konvenzjoni) kif riflessa fil-paragrafu (xix) tar-rikors promotur, l-esponenti jissottomettu li dawn l-artikoli m'humiex applikabbli ghall-kaz odjern, stante li hawnhekk il-procedura ta' ordni ta' treggiegh ma twassal ghall-ebda decizjoni dwar akkuza kriminali fil-konfront tar-rikorrent, u dan kif anke konfermat minn gurisprudenza. F'kull kaz jinghad ukoll li l-Qorti Rimandanti kienet indipendenti u mparzjali u li zammet is-seduti fil-pubbliku. Jinghad ukoll li:

– Dwar l-ilment tar-rikorrent li l-Qorti cahdet it-talba ghal-liberta' provvizorja, u ma tathomx il-fakolta' li jressqu xhieda u provi, dan fih innifsu ma jikkostitwixxix ksur tad-dritt ta' smigh xieraq peress li ghal dan id-dritt, il-procedura trid tkun ezaminata fl-assjem taghha. Pero' l-Qorti kienet qed timxi fuq il-provedimenti tal-ligi li jirregolaw il-procedura tat-treggiegh, liema procedura tillimita hafna l-provi li jistghu jitressqu u dan bir-ragun, peress li din hi procedura t'estradizzjoni u mhux ta' revizjoni ta' proceduri kriminali li sehhew barra minn Malta. Ara f'dan is-sens para 5 tad-decizjoni mill-appell tat-23 ta' Frar 2010, u dik tal-Qorti Rimandanti tas-27 ta' Frar 2010, fol. 41-42 (Liegeois).

– L-allegazzjoni fiha nnifisha tar-rikorrent li ma nghatax smigh xieraq fi zmien ragjonevoli juri l-animu tar-rikorrenti li hsiebhom biex jinhlew f'raggiri, kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza kontra Schmitt. Dan peress li kien ir-rikorrent u Laurence Liegeois li kontinwament ippruvaw

ixxekklu u jtawlu l-proceduri. Iz-zmien li kellhom jintemmu l-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti kien ta' xahar mid-data tal-arrest u cioe' fis-7 ta' Frar u dawk quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Marzu (ara art. 27A u 32A A.L. 320 tal-2004) u minkejja t-tentattivi tar-rikorrent u Laurence Liegeois, fil-fatt intemmu ferm qabel id-dati tal-iskadenzi taghhom!

Ir-rikorrent jallega ksur tad-dritt ta' **liberta' ta' kuxjenza u qima** (Artiklu 40 tal-Kostituzzjoni u artiklu 9 tal-Konvenzjoni) (ara paragrafu [xxiii] tar-rikors promotur). L-esponenti jissottomettu li r-rikorrent mhux qed jissustanzja xejn din l-allegazzjoni. Jghidu ukoll li f'Malta hadd ma ndahal lir-rikorrent x'jemmen u ma jemminx. Barra minn hekk, ir-rikorrenti mhux qed jallegaw li dan id-dritt qed jigi lez f'Malta u dan qed jinghad minhabba l-mod kif jibda l-Artikolu 40 tal-Kostituzzjoni. Tajjeb jinghad ukoll li tul il-proceduri u kif qalet ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'paragrafu 9 tas-sentenza, qatt ma saret xi riferenza li qed isir xi ksur taht l-artiklu 10(1) u (2) tal-Kap. 276 jew intwera li r-rikorrenti qed jigu ppersegwitati minhabba dak li qed isejhu shubija taghhom ghal xi grupp ossia setta. F'paragrafu 7 fis-sentenza kontra Laurence Liegeois, il-Qorti mbaghad irriteniet:

"Jidher li l-appellanti qed tibbaza l-argument taghha fuq il-fatt illi fil-European Arrest Warrant li huwa l-bazi ta' dawn il-proceduri, jinghad fit-taqsima E (fejn hemm deskrizzjoni tac-cirkostanzi li fihom sehhew ir-reati) hekk: "As a member of a sect/sectarian community of which he recte: she was a member, under cover of a society called MINH, Ms Liegeois has been found guilty as a co-author of the offences of wilful violence in a group and extortion of another member of the group..." (fit-test Franciz 'dans le cadre d'un groupe sectaire, dont elle etait membre, sous couvert d'une association denominee MINH...'). Pero' hawn hekk il-warrant ma qed jaghmel xejn ghajr jaghti l-isfond fattwali li fih sehhew ir-reati (bhalma, nghidu ahna, jaghmel l-Avukat Generali meta, fl-Att ta' l-Akkuza, jibda billi jesponi l-fatti kif hu jkun jifhem li sehhew). Dak li jorbot u li hu relevanti, pero', ghall-finijiet tal-estradizzjoni huwa r-reat ut sic li tieghu dak li jkun ikun instab hati. F'dan il-

kaz l-EAW jelenka 'offence of wilful violence in a group u offence of extortion'. Fil-kuntest tar-regolament 60(1)(2)(3) tal-A.L. 320/04 ma jistax ikun hemm l-icken dubju li dawn ir-reati huma reati ta' estradizzjoni. In fatti l-estorsjoni hija msemmija fit-Tieni Skeda tal-imsemmija regolamenti, mentri r-reat ta' 'wilful violence' jikkorrispondi ghar-reat ta' offiza fuq il-persuna u ghalhekk huwa ukoll reat ta' estradizzjoni in vista tar-regola tal-kriminalita' doppja – ara regolament 60(3)(b). Ta' min hawn ifakkar fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 276, li jipprovdi li "In determining for the purpose of this section whether an offence falls within the requirements of subarticle (1)(a) and (b) – u il-(b) hija proprju l-htiega tad-'double criminality' – the description of the offence shall not be regarded as material if the offences under the law of Malta and that of the requesting country are substantially of the same nature". Ghalhekk dana l-ewwel ilment qed jigi respint...

......**9.** It-tielet aggravju huwa semplici sfumatura tal-ewwel wiehed. L-estradanta appellanti tghid illi l-EAW inhareg minhabba l-ossessjoni ta' Franza dwar is-setet. Hi tghid li trid tipprova li hi mhix membru ta' "a sectarian group" kif jinghad fix-Schengen alert jew sectarian community" fl-EAW. Pero', kif rajna, <u>ir-reati li taghhom hija nstabet hatja huma reati "normali", biex wiehed isejhilhom hekk, mhux marbuta ma setet jew komunitajiet settarji, u wiehed ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilta' kriminali billi jipprova jzeffen fin-nofs kuncetti u jaghmel allegazzjonijiet dwar setet jew komunitajiet.</u> Din il-Qorti qrat ghal aktar minn darba – process li ha hafna zmien – ir-rikors ta' appell tal-appellanti, u mkien taht id-diversi paragrafi tal-"aggravji" hija ma tinvoka l-Artikoli 10(1)(b) u 20 tal-Kap. 276. Din il-Qorti tippreciza, u dan ghal kull buon fini biss, li, wara li ezaminat is-sentenza  tat-Tribunal de Grande Instance, anqas remotament ma jista' japplika f'dan il-kaz il-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 20. Ghalhekk dana t-tielet aggravju qed jigi ukoll respint". (emfazi tal-esponenti).

Kif ukoll ziedet:

"...12. Is-sitt aggravju jirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk meta nghatat is-sentenza mit-Tribunal de Grande Instance l-

appellanti kinitx rapprezentata o meno, u dan ghall-finijiet tar-regolament 23(1)(3)(4)(5) tal-A.L. 320/04. L-appellanti tghid li l-prosekuzzjoni ma esibitx il-prokura li hija kienet allegatament tat lill-avukat taghha biex jirraprezentaha fil-proceduri fi Franza. Fuq din il-kwistjoni, fl-udjenza tat-28 ta’ Jannar, 2010 quddiem il-Qorti Rimandanti, il-prosekuzzjoni pprezentat inter alia kopja tas-sentenza ta’ l-imsemmi Tribunal, mibghuta permezz ta’ fax mis-sostitut Prokuratur tar-Repubblika f’dak it-Tribunal (ara fol. 43 et seq.; is-sentenza hija a fol. 49 sa 67). Il-korrettezza ta’ dak li hemm f’din is-sentenza b’ebda mod ma gie kontestat mill-appellanti f’dik l-udjenza tat-28 ta’ Jannar – il-provi u dokumenti li l-estradanta qalet li trid iggib, u li jissemmew fil-verbal ta’ dik l-udjenza, kif ukoll dawk li jissemmew fir-rikors tal-11 ta’ Frar 2010 u fin-nota tat-12 ta’ Frar 2010, huma intizi ghalbiex jippruvaw jiggustifikaw l-assenza taghha meta nghatat is-sentenza, u mhux biex b’xi mod imeru jew biex jikkontradicu dak li hemm imnizzel f’dak id-dokument (ara l-verbal a fol. 41 u 42, u r-rikors u n-nota msemmija). Pero’ kif gustament sservat il-Qorti Rimandanti fis-sentenza appellata, galadarba jirrizulta mis-sentenza tat-Tribunal li hija appuntat bi prokura persuna biex tidher ghaliha a tenur tal-Artikolu 411 tal-Code de Procedure Penale (ara fol. 50/51, 52 u 58). Il-konkluzjoni tista’ tkun biss li hija deliberatament assentiet ruhha. **<u>Ghalhekk ma hemm lok li jinstemghu ebda provi u jigu esibiti ebda dokumenti f’dan ir-rigward,</u>** ghax tali prova u dokumenti jkunu manifestament irrelevanti ghall-finijiet limitati ta’ dawn il-proceduri ta’ estradizzjoni. Dan l-aggravju qed jigi michud”. (emfazi tal-esponenti).

Fir-rigward tar-rikorrent (peress li dan kellu zewg akkuzi addizzjonali ma’ dawk ta’ Liegeois) f’paragrafu 2 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali jinghad:

“Ghalhekk din il-Qorti, a skans ta’ ripetizzjoni, filwaqt li taghmel piena referenza ghall-paragrafi **7** sa **14** ta’ dik is-sentenza, ghall-istess ragunijiet moghtija fihom, qieghda mutatis mutandis tichad l-ewwel tmien ilmenti anke fil-konfront tal-appellant Schmitt. L-unika precisazzjoni li din il-Qorti thoss li ghandha taghmel hi li Schmitt instab hati

ta' komplicita' f'estorsjoni u komplicita' f'offiza fuq il-persuna, kif ukoll tar-reat skedat ta' "kidnapping, illegal restraint and hostage-taking" imsemmi fil-partita 16 tat-Tieni Skeda tal-A.L. 320/04".

Din kienet ukoll il-konkluzjoni li fis-sentenza taghha tas-27 ta' Jannar waslet ghaliha ukoll il-Qorti Rimandanti. Ghalhekk dan sfortunatament huwa xejn ghajr ilment iehor frivolu u vessatorju u li gja dahlet fih il-Qorti Rimandanti kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell Kriminali!

Allegazzjoni ohra tar-rikorrent hija ksur tad-dritt ta' **liberta' t'espressjoni** (Artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u artiklu 10 tal-Konvenzjoni, rifless fil-paragrafu [xxiv] tar-rikors promotur). L-esponenti jissottomettu li meta persuna tixhed hu differenti minn meta wiehed jesprimi ruhu liberalment, kif inhu l-Ispirtu ta' dan id-dritt. Il-ligijiet procedurali u l-gurisprudenza tal-Qrati nostrani dwar ir-regoli ta' rilevanza u ammissibilita' ta' provi zgur li bl-ebda mod ma jincidu fuq dan id-dritt li erronjament qed jinvokaw ir-rikorrenti. Jinghad li jekk Qorti cahdet talba biex persuna tressaq provi ma jfissirx fih innifsu li nkiser id-dritt t'espressjoni ghax haga m'ghandhiex x'taqsam mal-ohra. Jinghad ukoll li r-rikorrent zgur ma jistax jilmenta li m'esprimiex ruhu liberament f'Malta minhabba l-access ampju li kellu ghall-mezzi tax-xandir u li hu utilizzah b'certa strategija peress li r-rikorrent u Laurence Liegeois dejjem hassew li kien aktar t'importanza li jaghmlu l-kaz taghhom mal-'media' u mhux fil-Qrati! Dan l-ilment hu *fost l-aktar* fiergha u vessatorji u certament ghandu jigi respint!

Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li nkisirlu d-dritt tal-**liberta' ta' ghaqda u assoccjazzjoni** (l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 11 tal-Konvenzjoni kif rifless fil-paragrafu [xxv]), l-esponenti jissottomettu li ghall-fini ta' proceduri t'estradizzjoni, hu ghal kollox irrelevanti jekk persuna hix membru ta' xi ghaqda. Jekk hi membru jew jekk mhix membru ma jaffettwax l-ordni ta' treggiegh. Jinghad ukoll li a skans ta' ripetizzjoni minhabba li huma intrinsikament marbuta flimkien, ser issir riferenza ghal dak li gja inghad dwar l-ilmenti msemmija fil-para 15 ta'

dan ir-rikors, inkluz li din il-Qorti ghandha tiddeciedi li dan hu ilment frivolu u vessatorju li jimmerita biss li jigi michud.

L-allegazzjoni tar-rikorrent dwar il-ksur tad-dritt ta' projbizzjoni minn **deportazzjoni** (artikolu 43 tal-Kostituzzjoni) hija verament wahda infondata, peress li ma jifdal ebda dubju li dawn huma proceduri t'estradizzjoni in esekuzzjoni ta' arrangamenti maghmula bi trattat u skond l-awtorita' ta' ligi (A.L. 320 tal-2004). Jinghad ukoll li bl-ebda mod ma qed jigi allegat li xi reat li dwaru nhareg il-mandat ta' arrest Ewropew hu ta' natura politika (art 43[2]). L-esponenti hawn jghidu li proprju l-fatt li r-rikorrent qed jaghmel din l-allegazzjoni juri bic-car ir-rieda tieghu li jutilizza din il-procedura straordinarja bhala appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali. Ilment frivolu u certament vessatorju.

Rigward l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt ta' **liberta' ta' moviment** (artikolu 44 tal-Kostituzzjoni u artikolu 2 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni, rifless fil-paragrafu [xxx]), l-esponenti jissottomettu li dan hu lment iehor frivolu u vessatorju minhabba li anke mir-rikors promotur stess jirrizulta li l-lanjanza tieghu hi peress li gie "arrestat" "nzamm inkarcerat". L-artiklu 44(2) u (3) tal-Kostituzzjoni jirrendu dan l-artiklu mhux applikabbli ghall-kaz odjern, waqt li l-artiklu 2(3) u (4) tar-Raba' Protokoll jirriflettu dan ukoll.

Rigward allegazzjoni ohra tar-rikorrent dwar ksur tad-dritt ta' protezzjoni minn **diskriminazzjoni** (Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u artiklu 14 tal-Konvenzjoni riflessi fl-ilmenti tieghu f'paragrafu [xxviii]), l-esponenti se jaghmlu riferenza ghal dak li ntqal aktar 'il fuq dwar l-ilmenti li ssir riferenza ghalihom f'paragrafi 15 u 17 ta' dan ir-rikors. <u>Kif wiehed jara ripetizzjoni ad nauseam tal-istess ilmenti b'xi sfumatura sfurzata!!</u> Jigi rilevat li hadd ma gie kkundannat fi Franza minhabba xi diskriminazzjoni imma skond il-procedura penali Franciza li tahtha stess tiggarantixxi d-dritt ta' revizjoni ossia ta' appell. Lanqas ma jista' jinghad li l-"assalt" sar minhabba din ir-raguni izda dan sar fuq ordni ta' Magistrat Maltija ai termini tal-Kap. 9. Il-fatt li r-rikorrent gie mcahhad minn sehbitu, minn ibnu u milli

jiddeponi, huma lkoll decizjonijiet li ttiehdu a bazi ta' provvedimenti legali u cioe' mandat ta' arrest, ordni ta' zamma f'detenzjoni u regoli dwar ammissibilita' u rilevanza ta' provi ghall-finijiet ta' procedura dwar l-estradizzjoni. Hadd ma ghandu jinsa li sehbitu hija 'a convicted fugitive' u l-ebda teorija bbazata fuq fantaxjenza tar-rikorrent ma tista' b'xi mod tghid li hu mod iehor – ara para 8 tas-sentenza fl-appell kontra Liegeois.

L-allegazzjoni tar-rikorrent dwar l-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni certament ma treggix peress li dan l-artiklu jipprovdi ghall-procedura kif persuna tressaq ilment ta' natura kostituzzjonali. L-istess jinghad fir-rigward tal-artiklu 47. Din l-allegazzjoni lanqas ma tregi peress li l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ma jirregola l-harsien tal-ebda dritt izda hu l-artikolu li jipprovdi ghat-tifsir tal-Kap. IV tal-Kostituzzjoni!

Ir-rikorrent jghaddi biex isemmi d-diversi drittijiet protetti mill-Kap. 319 li gja saret riferenza ghalihom mill-esponenti meta gew kunsidrati il-lanjanzi ai termini tal-Kostituzzjoni. Ma' dawn ir-rikorrent zied allegazzjoni ohra, dik ta' ksur tad-dritt li **jizzewweg** (paragrafu [xxvi], protett bl-artiklu 12 tal-Konvenzjoni) ghax qed jigi allegat li xi Qorti cahdet lir-rikorrenti milli jizzewgu. Minn imkien ma jirrizulta li ccahhad lilhom dan id-dritt. Lanqas jirrizulta li huma bdew il-procedura normali ta' zwieg quddiem ir-Registratur taz-Zwigijiet! Certament, m'ghandhomx jitwaqqfu jew jigu mxekkla dawn il-proceduri u l-eventwali treggija taghhom lejn Franza semplicement sabiex ir-rikorrenti jistghu jizzewgu. Kieku jigri, dan ikun zbaljat!

Rigward l-allegazzjoni ta' ksur tal-artiklu 13 tal-Konvenzjoni (**rimedju effettiv**), l-esponenti jissottomettu li dan l-artiklu jsir applikabbli jekk u meta jirrizulta li hemm ksur ta' xi dritt fundamentali. L-esponenti jissottomettu li m'hemm l-ebda ksur bhal dan.

Rigward l-allegazzjoni ta' ksur tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (**dritt ta' proprjeta'**) rifless fil-paragrafu (xxix), l-esponenti jissottomettu li certament dan l-artiklu mhux applikabbli ghall-kaz odjern. Dan ghaliex ir-

rikorrent iqis lil persuni qribu bhala “possessions” jew “proprjeta’ tieghu” (!!). Certament dan ma jaqax fit-tifsira ta’ dawn il-kelmiet kif interpretati fil-gurisprudenza, apparti mill-fatt li dan mhu xejn dinjituz fuq dawn il-persuni!

Allegazzjoni ohra ssir fil-paragrafu (xxxi) tar-rikors promotur, dwar ksur tal-Artikolu 1 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea! Ghalkemm sa certu punt jista’ jghodd hawnhekk dak li ntqal fir-rigward tal-ilment li saret riferenza ghalih f’para 18, dan l-artiklu jitratta dwar **espulsjoni** u mhux estradizzjoni. Ghalhekk dan l-artiklu mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

Ir-rikorrent jaghmel riferenza ghat-Tieni u t-Tielet Skeda tal-Kap 319 (paragrafi xxxii-xxxiii), pero’ dawn huma dikjarazzjonijiet u rizervi maghmula mill-Gvern Malti u l-Explanatory Report ghas-Seba’ Protokoll u ghalhekk mhux ser jigu konsiderati mill-esponenti li jirrispetta il-hin u l-intelligenza ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Peress li ma hemm ebda ligi f’Malta li tvesti b’effett legali ic-*Charter of Fundamental Rights of the European Union* li jsemmi r-rikorrent, l-esponenti se jinjoraw ghal kollox din il-parti tar-rikors promotur.

Rigward il-mod kif dawn il-proceduri Kostituzzjonali jorbtu mal-ordni ta’ treggigh l-esponenti jirreferu ghall-artikolu 21(2)(b) tal-Kap. 276 kif ukoll tar-regolament 35 tal-A.L. 320/2004, u jghidu li dak li jista’ **jzomm ordni ta’ treggigh** hu biss meta ssir kawza fiz-zmien stipulat jew moghti lilha sabiex tikkonstata jekk tkunx giet miksura xi dispozizzjoni tal-kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, jew tkun ser tigi hekk miksura, **li tiggustifika r-revoka, l-annullament jew modifika ta’ l-ordni ta’ kustodja ta’ Qorti** (fil-fatt din inghatat fl-1 ta’ Frar 2010 u r-rikorrent inghata <u>sebat</u> ijiem biex jaghmel din il-kawza ai termini tar-regolament 25 A.L. 320 tal-2004).

L-esponenti jzommu lir-rikorrent responsabbli ghal kwalunkwe danni subiti minnhom minhabba allegazzjonijiet serji u foloz fil-konfront taghhom, *inter alia* li nfilzaw dokumenti fl-atti tal-proceduri ta’ treggiegh bil-

mohbi tar-rikorrent u tal-avukat tieghu (para 24 tar-rikors promotur).

Rigward Dok. AS5 u AS6, l-esponenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tirregola l-prezentazzjoni ta' dawn iz-zewg affidavits stante li dawn gja kienu esebiti fil-proceduri ta' treggigh jew saret riferenza ghall-kontenut taghhom, u tirregolahom ukoll in vista ta' dak li inghad iktar 'il fuq dwar il-frivolozita' ta' dan ir-rikors u t-talbiet li fih.

Dwar il-lista ta' xhieda msemmija fir-rikors promotur, l-esponenti jissottomettu li huwa ferm abbuziv kif ir-rikorrent jittenta jitlob li jtella' f'din il-procedura straordinarja dawk ix-xhieda li l-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appelli Kriminali ddecidew li ma jistghux jinstemghu skond il-ligi tal-procedura ta' treggiegh. L-esponenti jissottomettu li din il-lista ta' xhieda turi l-ghan wahdieni tar-rikorrent li jerga' jiftah il-procedura ta' treggiegh mill-gdid. L-esponenti jissottomettu li se mai, il-prova li ghandha tithalla ssir f'din il-kawza ghandha tkun limitatissima u relatata biss ma' dak li hu sustanzjat u mhux frivolu u vessatorju.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta tal-intimati Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja, Direttur Qrati Kriminali u Tribunali u Direttur Qrati Civili u Tribunali li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-procedura kienet intavolata fuori termine ai termini tar-regolamenti 35 u 25 tal-A.L. 320/2004 stante li dan ir-rikors kien intavolat wara li skadew sebat ijiem mill-ordni ghat-treggiegh moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati sopra indikati m'humiex legittimi kuntradditturi u ghandhom jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju peress li hadd minnhom ma kien involut la direttament u lanqas indirettament fil-proceduri ta' estradizzjoni tar-rikorrent.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju

ghad-dispozizzjoni tieghu. Ir-rimedju kien jikkonsisti fil-proceduri ordinarji ta' treggiegh fil-Qorti tal-Magistrati u fil-Qorti tal-Appell Kriminali. L-allegazzjonijiet tar-rikorrent kienu diga' mqajma fil-proceduri ta' treggiegh u kien hemm decizjoni dwarhom. Ghalkemm l-ezitu kien negattiv ghar-rikorrent, dan ma jfissirx li r-rimedju ma kienx adegwat. Ghalhekk l-esponenti jissottomettu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tisma' l-kaz ai termini tal-proviso tal-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap. 319.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu:

a. Ir-rikorrent jittenta jerga' jiftah il-proceduri t'estradizzjoni billi jqajjem hafna punti fil-paragrafi 1 sa 36, diga' hemm decizi finalment permezz ta' decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fil-15 ta' Frar 2010 u fit-23 ta' Frar 2010, u hekk jutilizza din il-procedura straordinarja bhala appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali,

b. In kwantu r-rikorrent jittenta jlibbes allegazzjonijiet ta' natura ta' ligi ordinarja b'libsa kostituzzjonali,

c. U in kwantu r-rikorrent jallega ksur ta' kwazi l-artikoli kollha fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea (halla biss barra dak taht l-Artikoli 37 u 4 rispettivament) li jipprotegu d-drittijiet fundamentali tieghu minghajr ma jissustanzja remotament tali allegazzjonijiet,

din il-procedura hija frivola u vessatorja u intenzjonata biss biex ittellef il-process ta' mandat t'arrest Ewropew (EAW) u ma thallihx jiehu l-kors spedit tieghu fiz-zmien stabbilit skond id-decizjoni Kwadru u l-Avviz Legali 320 tal-2004 kif emendat.

Fil-mertu, m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni Ewropea u dan ghas-segwenti ragunijiet gja elenkati aktar fid-dettall fir-risposta tal-Prim Ministru et.

L-esponenti jzommu lir-rikorrent responsabbli ghal kwalunkwe danni subiti minnhom minhabba allegazzjonijiet serji u foloz fil-konfront taghhom, inter alia li nfilzaw dokumenti fl-atti bil-mohbi tar-rikorrent u tal-avukat tieghu (para 24 tar-rikors promotur).

Dwar il-lista ta’ xhieda msemmija fir-rikors promotur, l-esponenti jissottomettu li huwa ferm abbuziv kif ir-rikorrent jittenta jitlob li jtella’ f’din il-procedura straordinarja dawk ix-xhieda li l-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appelli Kriminali ddecidew li ma jistghux jinstemghu skond il-ligi tal-procedura ta’ treggiegh. L-esponenti jissottometti li din il-lista ta’ xhieda turi l-ghan wahdieni tar-rikorrent li jerga’ jiftah il-procedura ta’ treggiegh mill-gdid. L-esponenti jissottomettu li se mai, il-prova li ghandha tithalla ssir f’din il-kawza ghandha tkun limitatissima u relatata biss ma’ dak li hu sustanzjat u mhux frivolu u vessatorju.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat l-inkartament tal-proceduri “Il-Pulizija (Spettur Dr. Mario Cuschieri) vs Alain Schmitt” deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta’ Frar 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent ghadda proceduri ta’ estradizzjoni u in forza taghhom hu gie ordnat li jigi estradit lejn Franza, wara hrug ta’ mandat ta’ arrest mit-Tribunal de Grande Istance f’Thionville fi Franza, ghar-reati ta’ sekwestru ta’ persuna, estorsjoni u atti vjolenti mwettqa f’assoccjazzjoni ma’ ohrajn. L-ordni ta’ estradizzjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza taghha tat-23 ta’ Frar, 2010.

Ir-rikorrent, b’dawn il-proceduri, ressaq diversi ilmenti ta’ natura kostituzzjonali, fis-sens li ilmenta mill-fatt li sa minn

meta gie arrestat u tul iz-zmien li nzamm arrestat gew miksura fil-konfront tieghu kwazi d-drittijiet fundamentali kollha tieghu. Ir-rikors tar-rikorrenti hu pjuttost twil u nieqes mill-kjarezza, pero', sa fejn tista' tifhem din il-Qorti, il-lanjanzi tar-rikorrenti jistghu jigu nkwadrati kif gej.

(i) Vjolazzjoni tad-dinjita' tieghu bhala persuna u tad-dritt ta' privatezza ghall-mod kif gie arrestat, operazzjoni li skond ir-rikorrent twassal ghall-agir degradanti u inuman;

(ii) Ma gietx segwita l-procedura li trid il-ligi fis-smigh tal-kaz tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta);

(iii) Nuqqas ta' attenzjoni medika tul iz-zmien li dam arrestat;

(iv) Ic-cahda ta' helsien mill-arrest;

(v) Kundizzjonijiet tal-habs fi Franza;

(vi) Il-fatt li nstab hati mill-Qorti Franciza fl-assenza tieghu;

(vii) Li hu ma kellux jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih fi Franza;

(viii) Nuqqas ta' contact visits kemm ilu detenut taht arrest.

Biex isostni l-argumenti tieghu, ir-rikorrent, fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2010, talab li din il-Qorti tisma' xhieda, dwar kif gie arrestat, dwar l-istat ta' sahha tieghu u t-trattament li qed jircievi hawn Malta. Din il-Qorti rriservat li tipprovdi dwar din it-talba f'din is-sentenza.

Biex tiddeciedi fuq din it-talba, din il-Qorti rat l-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni (rez applikabbli ghall-procedura fuq il-mandat t'arrest Ewropew bir-regolament 25 tal-Avviz Legali 320/2004) li jipprovdi li:

"**16.** Meta persuna tintbaghat f'kustodja skond l-artikolu 15, il-Qorti ghandha, barra milli tgharrafha li ma tkunx se titregga' lura qabel ma jghaddu hmistax-il jum mid-data ta' l-ordni ta' kustodja u li, hlief fil-kaz li tintbaghat taht kustodja biex tistenna li titregga' lura taht id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 15(5), hi tista' tappella lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, tgharrafha ukoll illi, jekk jidhrilha li xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 10(1) u (2) tkun giet miksura jew li xi dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun giet jew x'aktarx tkun se tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-ordni ta' kustodja tal-Qorti, hija ghandha jedd li titlob rimedju skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 46 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni jew ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skond il-kaz".

Dan ifisser, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-ezami li jkun irid isir mill-Qorti – darba li r-rimedju kostituzzjonali qed jintalab bl-iskop li r-rikorrent ma jigix estradit, tant li hu rrifjuta li jintbaghat fi Franza pendenti dawn il-proceduri – hu limitat biex tara jekk gewx miksura d-drittijiet fundamentali <u>b'mod li jwasslu ghar-revoka jew modifika tal-ordni.</u> Kwalunkwe indagni ulterjuri, jmur lil hinn mill-iskop ahhari ta' dawn il-proceduri. Dan ifisser li jekk ir-rikorrent jilmenta li nkisirlu xi dritt fundamentali tieghu, izda li anke ezitu pozittiv ghal dik il-lanjanza ma twassalx ghar-revoka jew modifika tal-ordni ta' kustodja, din il-Qorti m'ghandhiex, f'dawn il-proceduri, tidhol biex tezaminahom u jibqa' f'kull kaz rizervat favur ir-rikorrent id-dritt li jitlob ir-rimedju opportun, pero' indipendentement mill-esekuzzjoni tal-ordni ta' kustodja.

Ghalhekk din il-Qorti tara li l-prova li r-rikorrent irid jaghmel dwar il-mod kif sehh l-arrest tieghu u t-trattament li qed jircievi fid-dawl tal-istat ta' sahha tieghu, mhux rilevanti ghall-fini ta' dawn il-proceduri, ghax anka jekk ir-rikorrent jinghata ragun fuq dawn il-lanjanzi, dawn ma jaffettwawx l-ordni ta' kustodja ut sic u lanqas l-estradizzjoni tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti mhux se tilqa t-talba tar-rikorrent ghas-smigh tal-provi ghall-iskop minnu indikat.

Ghall-istess raguni, din il-Qorti ma tarax li ghandha tinvestiga l-ilmenti tar-rikorrenti marbuta mal-mod tal-arrest tieghu u man-nuqqas ta' attenzjoni medika u contact visits. Fil-fehma tal-Qorti, anke jekk sehh dak li allega r-rikorrent fic-cirkostanzi dawn ma jiggustifikawx ir-revoka jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja. Jista' jkun li l-vjolazzjonijiet relattivi jaghtu lok ghal xi rimedju iehor lir-rikorrent, pero', la fil-fehma tal-Qorti mhux se jwasslu ghar-revoka jew modifika tal-Ordni, l-istharrig ta' dawk l-ilmenti m'ghandux jithalla jintralcja l-proceduri ta' estradizzjoni li min-natura taghhom iridu jigu trattati b'certa ghagla. Ghal kull buon fini, tajjeb li jinghad li mill-atti ma jirrizultax li r-rikorrent mhux qed jinghata d-debita kura u assistenza mehtiega; anzi jirrizulta l-kontra ta' dak li hu allegat.

Din il-Qorti, ghall-fini ta' dawn il-proceduri, sejra tiskarta ukoll kull ilment marbut mal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inkorporata fil-ligijiet Maltin bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta), u l-artikolu konsimili li jinsab fil-Kostituzzjoni ta' Malta, peress li dan l-artikolu ma japplikax ghall-proceduri ta' estradizzjoni. Fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention or Human Rights" ta' Van Dijk et (4th Edit. 2006, pagna 556) jinghad b'mod car u tond li:

"*Extradition proceedings are also held not to be covered by Article 6, on the ground that a 'determination' involves the full process of the examination of an individual's guilt or an innocence, and not the process of determining whether a person can be extradited to another country*".

Ghall-istess raguni, din il-Qorti mhux se tidhol fi kwistjonijiet li jolqtu l-meritu tal-akkuzi dedotti kontrih peress li dawn il-proceduri ma jiddeterminawx l-innocenza jew htija tar-rikorrent. Din il-Qorti izzid li, bl-akkuzi li r-rikorrent gie rinfaccjat bihom ma jistax jinghad li gew miksura d-drittijiet tieghu li jinghaqad fi grupp jew li

jhaddan ir-religjon tieghu. Ir-rikorrent mhux mizmum u lanqas ma hu akkuzat li dahal f'ghaqda, izda li flimkien ma' ohrajn, ikkommetta estorsjoni u vjolenza fuq terzi. Ir-rikorrent bhal kull persuna ohra, jista' jkun membru ta' diversi gruppi li jkollhom ghanijiet legittimi, u jista' jkollu jipprattika kwalunkwe religjon li jrid, pero', ma jistax juza l-iskuza tar-religjon biex iwettaq reati ta' "wilful violence" u "extortion" li qed jigi akkuzat bihom.

Dawn l-akkuzi m'humiex marbuta mar-religjon li joghgbu jhaddan ir-rikorrent, izda mal-hsara lit-terzi, ghax indipendentement mir-religjon tar-rikorrent, hu m'ghandux dritt jaghmel hsara volontarja fuq il-persuna ta' terz jew jirrikatta lil xi terz. Ir-rikorrent mhux qed jigi persegwitat ghax jappartjeni lil xi setta religjuza, imma ghax qed jinqeda b'dik is-setta u jwettaq "wilful violence in a group" u "offence of extortion", reati li jmorru lil hinn minn kull religjon.

Ir-rikorrent jallega li meta tressaq il-Qorti, wara li gie arrestat, kien zbalordit u konfuz, u ma kienx fi stat li jsegwi x'kien qed jigri. Jirrizulta, pero', li fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), ir-rikorrent kien assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu, u fl-ebda mument ma qajjem il-kwistjoni li hu ma kienx qed isegwi x'kien qed jigri. Ghalkemm f'xi udjenza sussegwenti quddiem l-istess Qorti, ir-rikorrent ilmenta li ma kienx dejjem f'siktu, pero', il-Qorti hadet il-prekawzjonijiet mehtiega. Hatret tabib espert li ezamina lir-rikorrent u kkonkluda li ghalkemm bit-tensjoni tal-proceduri, seta' kien hemm caqliq fil-livell tal-glucose tar-rikorrent (li hi persuna diabetika), ma kienx disorjentat mil-lat mentali, u dan l-istess tabib irrelata li l-kundizzjoni tar-rikorrent "hija tali illi hu jista' jattendi ghall-Qorti regolari u jsegwi dak li jkun qieghed isir". Din il-Qorti ma tarax li m'ghandhiex toqghod fuq dawn il-konkluzjonijiet u zzid li bil-mod kif ir-rikorrent mexxa d-difiza tieghu, hu car li hu kien qed isegwi dak kollu li kien qed jigri. Hu kellu l-assistenza ta' interpretu u fl-ebda mod ma dan wera li kellu xi diffikulta' jispjega lir-rikorrent x'kien qed jigri.

Ghar-rigward xi nuqqasijiet procedurali li allegatament sehhew f'dawn il-proceduri, gja ntqal li dawk il-materji ma jidhlux biex jigu ezaminati fil-kuntest ta' dawn il-proceduri, izda huma aktar meritu ta' appell. Fil-fatt, ir-rikorrent fl-appell li hu ressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, kien ressaq dawn l-allegati ilmenti ghall-konsiderazzjoni ta' dik il-Qorti, li kollha, pero', gew minnha mwarrba fis-sentenza li tat fit-23 ta' Frar, 2010. La darba l-procedura ta' estradizzjoni mhix kawza li tiddetermina l-innocenza jew htija tar-rikorrenti, dawk l-ilmenti procedurali setghu biss jigu trattati, kif gew, mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Dwar il-kondizzjonijiet tal-habs fi Franza hu veru li r-rikorrent esebixxa dokumenti li jindikaw li, f'xi zmien, il-habsijiet Francizi kienu in generali, "dirty, overcrowded and dilipidated", pero' ma giex muri l-istat tal-habsijiet illum u lanqas li r-rikorrent se jitpogga f'habs li ghandu dawn il-karatteristici. Mhux bizzejjed li juri l-istat tal-habsijiet b'mod generali, imma li fuq bazi ta' probabilita', <u>hu</u> se jkun soggett ghal trattament inuman. Ir-rikorrent, f'dan il-kaz, irid juri possibilita' ta' trattament inuman fi grad gholi ghax mhux kull forma ta' trattament li huwa kiefer jaqa' taht l-iskop tal-artikolu relattiv li jaghti protezzjoni kontra dan it-trattament. Fil-fatt, il-Kummissjoni Ewropea, fil-<u>Greek Case</u> (1969) innotat illi:

"*It appears from the testimony of a number of witnesse that a certain roughness of treatment of detainees by both police and military authorities is tolerated by most detainees and even taken for granted. This underlines the fact that the point up to which prisoners and the public may accept physical violence as being neither cruel nor excessive, varies between different societies and even between different sections of them*".

Kif intqal ukoll mill-awturi <u>Van Dijk et</u> fil-ktieb aktar qabel imsemmi (ibid pagna 113), biex tigi evitata l-estradizzjoni, l-applikant irid juri li se jkun soggett ghall-hsara personali ta' certa gravita'. Jinghad, fil-fatt:

"*However, it will do so only if there is a high degree of probability that a violation of Article 3 is likely to occur.*

*This requires that the applicant state his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be exposed if expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government*".

F'dan il-kaz, ir-rikorrent ma uriehx li fil-habs ta' Franza, fejn jista' jintbaghat jekk jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih, hu sejjer ikun f'periklu "to life or limb". Ir-rikorrenti ma talabx li jaghmel din il-prova, u f'kull kaz, il-Qorti ma tahsibx li fi stat demokratiku, bhal ma hu Franza jezisti "a high probability", li r-rikorrent se jigi hekk trattat. Din il-Qorti rat ukoll li Franza, bhal Malta, tippermetti dritt ta' petizzjoni individwali lejn il-Qorti Ewropew tad-Drittijiet tal-Bniedem, u jekk ir-rikorrent, jekk u meta jkun f'habs fi Franza, ikun qed jinghata trattament disuman u degradanti, hu jkun jista' jitlob rimedju effettiv minn dik il-Qorti. Zgur li f'dan il-kaz, din il-Qorti ma gietx murija li jezistu cirkostanzi hekk gravi fil-habsijiet ta' Franza li ghandha twaqqaf jew thassar l-ordni ta' kustodja.

Dwar l-ilment marbut mac-cahda tal-helsien mill-arrest, din il-Qorti tara li fic-cirkostanza, dan l-ilment mhux gustifikat. Kif jinghad mill-stess awturi Van Dijk et (ibid pagna 481),

"*Article 5 paragraph 1 under (f) does not require that the detention of a person against whom action is being taken with a view to deportation or extradition must be reasonably considered necessary, for example to prevent his committing an offence or fleeing. In this respect Article 5 (1) under (f) provides a lower level of protection than Article 5 paragraph 1 under (c): all that is required under (f) is that action is being taken with a view to deportation or extradition. It is, therefore, immaterial whether the underlying decision can be justified under national or Convention law. It is obvious, however, that in reviewing the lawfulness of the detention, the lawfulness of the deportation or extradition will often also be at issue. This*

*is especially the case when, according to national law, the lawfulness of the detention is made dependent on that of the deportation*”.

Id-detenzjoni tar-rikorrent hija gustifikata, peress li rrizulta li r-reati li bihom qed jigi akkuzat ir-rikorrent huma reati ta’ estradizzjoni, kif anke stabbilit il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha ta’ Frar 2010. Il-mandat ghall-arrest tar-rikorrent huwa ukoll wiehed validu, u l-proceduri tal-estradizzjoni gew ukoll meqjusa li huma regolari u validi. Darba li giet stabbilita “the lawfulness of the extradition”, id-detenzjoni tar-rikorrent hija valida, u sta ghall-Qrati kompetenti jiddeciedu jekk, fic-cirkostanzi, ghandhomx jew li jakkordaw il-helsien provizorju mill-arrest.

Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-fatt li hu gie kkundannat mill-Qorti Franciza in absentia, din il-Qorti tara li ghal dan gia gie pprovdut, u kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, meta l-istess ilment tressaq quddiemha,

“*Fid-dawl tad-dokumenti kollha sottomessi mill-Prosekuzzjoni, dana l-aggravju huwa ukoll infondat, Jirrizulta infatti b’mod car mid-dokument a fol. 98 (ara l-original bil-Franciz, a fol. 97, taht il-firma tas-sostitut Prokuratur D. Mauchard) li “Should the request for surrender of the person to the French Judicial Authorities be granted, he will be informed of the sentence as soon as he arrives on French territory and he will have the possibility of lodging an appeal for re-examination of the case*”.

Kwindi, ma tarax li din ic-cirkostanza hija ta’ xi ostakolu ghat-twettiq tal-estradizzjoni.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tarax li ghandha tidhol biex tezamina l-punti preliminari sollevati mill-intimati, peress li rat li, f’kull kaz, it-talbiet tar-rikorrenti mhux misthoqqa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba tar-rikorrenti ghas-smigh tal-provi ghall-iskop indikat fl-

udjenza tat-12 ta’ Marzu, 2010, u tichad ukoll it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------